# 250 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima

minn Nicholas Grech,

*(Dan l-artiklu ktibtu u gie ppubblikat fl-annwal tal-Kazin Nicolo Isouard, Mosta, sena 2024. Minhabba l-mod kif gie mbiccer mis-suppost editur, b'partijiet shah maqtugha barra biex f'xi kazi gie m'hemmx kontinwita, b'ohrajn bil-kliem mibdul b'mod li gie ma jinftihemx jew inbidel is-sens jew poggili kliem li m'ghidtx vendikattivament biex inkun suggett ghar-ridikolu, bil-bidliet zghar ta' l-ahhar li tlabtu jaghmilli mhux inkluzi, u ohrajn, qed nippublikah hawn fil-mod li l-ahhar baghttuli. Cahhadni milli jippublikawuhuli tal-Kazin l-iehor meta diga kellu artiklu tieghi kontinwazzjoni fuq in-nicec li minflok spicca hallih barra bla ma kellu dicenza jghidli, u wega' kbira nara dak li tant stinkajt nikteb mill-ahjar li stajt fuq suggett hekk ghall-qalbi jispicca jkun hekk umiljanti u ta' ridikolu ghalija – "in-nies jghallmuk" kienet tghidli ommi.)*



Wirt mill-Knisja l-Qadima kien l-altar maġġur li llum insibu fil-Kor tar-Rotunda, li 250 sena ilu kien il-qofol ta' din iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni.

Waqt li 3 snin ilu fl-2021 iċċelebrajna l-150 sena anniversarju mill-Konsagrazzjoni tar-Rotunda, din is-sena l-2024, kieku konna għadna bil-Knisja l-Qadima konna minflok niċċelebraw il-250 sena mill-Konsagrazzjoni tagħha. Din kienet saret Ħamis fuq l-Għid fis-7 t'April 1774, li jaħbat Ħamsin jum minn Ras ir-Randan, fil-ġimgħa msejħa l-ottava tal-Għid, l-istess bħal Ħamis fuq l-Għid meta r-Rotunda ġiet minfuda minn bomba fid-9 t'April 1942, mat-*82 sena* ilu, u mirakolożament baqgħet wieqfa bla ma ħadd weġġa'. Kien ukoll il-Ħamis meta mat-*82 sena* qabel il-bomba, fis-16 ta' Frar 1860, kienet tbierket ir-Rotunda u jumejn wara Sibt il-Karnival beda t-tmiem darba għal dejjem ta' din il-Knisja l-Qadima meta bdew iħottuha. L-għada l-Ħadd 19 ta' Frar l-istess Ġorġ Grognet de Vasse kien għalaq żmienu, 86 sena, dak li frott il-makakkjerija ta' moħħu rrejalizża mill-bidunett li biex l-opra hekk kbira u monumentali tiegħu qatt tista' sseħħ f'raħal għoddu kollu bdiewa u foqra mingħajr għajxa ta' lejla, kien jeħtieġ is-sagrifiċċju tal-Qadima, bħal omm li lesta tagħti ħajjitha tmut hi biex tara lill-bintha t-tarbija tagħha tgħix, bl-unika soluzzjoni kienet li l-ġdida tinbena madwar il-qadima biex żgur ma jaslu qatt fil-punt li jħallu x-xogħol nofs leħja jaqtgħu qalbhom milli jkompluha, bil-qadima tispiċċa nofsa mgħottija mill-ġdida, u flok simbolu tal-kburija u l-qlubija ta' raħal, tkun minflok l-akbar umiljazzjoni. Immorru erġa mat-27 sena

qabel għal dak li kellu jkun il-bidu tat-tmiem tal-istess Qadima meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tar-Rotunda, li seħel kien ukoll il-Ħamis, it-30 ta' Mejju 1833, Ħamis fuq Pentekoste. Din l-ewwel ġebla kienet tpoġġiet kumbinazzjoni f'għeluq it-62 anniversarju mindu propju fl-istess ġurnata tas-sena, fit-30 ta' Mejju 1771, ukoll il-Ħamis, imma dik is-sena l-Ħamis ta' qabel Corpus, kien ingħata l-pussess bħala Kappillan tal-Mosta Dun Salv Saver Bonnici li kellu jikkonsagra din l-istess Qadima mat-3 snin wara.

## Żmien ta' għaks u saram





Il-Konsagrazzjoni fl-1774 mill-Isqof demm Sqalli, Giovanni Carmine Pellerano (1702-1783), saret fl-għar zminijiet meta kellna Granmastru lill-Aragoniz Francisco Ximénez de Tejada (1703-1775).

Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima fl-1774 ma setgħetx ġiet fi żmien għar. Is-sena 1772 kienet sena ħażina għall-qamħ fi Sqallija u l-istess kien imbassar għall-1773. L-Ordni kien qed jitlef il-prestiġju f'għajnejn slaten Ewropej u daqstant ir-rwol tiegħu bħala fortizza tal-Kristjaneżmu, bl-amministrazzjoni ħażina tal-istess Granmastru Manuel Pinto da Fonseca, li miet fit-23 ta' Jannar 1773 wara snin ta' tberbiq ta' flus, kompliet għaġġlet il-proċess ta' tmermir tal-istess Ordni. Ħamest'ijiem minn mewtu nħatar floku Francisco Ximenes de Texada li għalkemm wiegħed riformi u tnaqqis fl-għoli tal-ħajja, spiċċa aktar aggravaha bil-politika estrema t'awsterita li ġabet telf ta' mpjiegi, għolla t-taxxi fuq il-qamħ minn Sqallija, u fosthom biex jitkattar il-fenek, ipprojbixxa l-kaċċa tiegħu, wieħed mill-ftit sorsi t'ikel irħis li kien fadal għall-foqra. Indaħlet il-knisja bl-Isqof Pellerano sostna li l-kleru kellhom dritt jikkaċjaw daqs il-Kavallieri, u wara pressjoni hekk ġara. L-uċuħ tar-raba' ironikament bdew jinbiegħu għola fl-irħula milli fl-ibliet, u bil-laħam baqa' skars, Ximenes ordna li jinqatlu bhejjem tar-raħħala li għalxejn opponewlu. Żdiedet il-kriminalita bħal sgass mid-djar, tirriskja jaqbżu fuqek tgħaddi minn toroq mhux fl-abitat, delitti, u l-iskuntentizza u l-ħsieb ta' xi rewwixta wassal lil Ximenes biex iżid l-għassa mal-Palazz u f'ċerti postijiet fosthom fit-toroq tal-Belt bil-lejl, b'nies mill-irħula bdew ma jitħallewx jidħlu l-Belt qabel is-sitta ta' fil-għodu (biex ikun laħaq sebaħ ftit) u kull arma li jista' jkollhom fuqhom joħduhielhom.

Bil-provista tal-qamħ u prodotti oħra tjiebet ftit lejn it-tieni nofs tal-1774, Ximenes baqa' ma raħħasx il-prezz minkejja l-aspettativi tal-popolin għax ried l-ewwel jifdi d-dejn tal-*Massa Frumentaria* li kienet responsabbli mix-xiri tiegħu. Iżda kien sfurzat milli jkompli jgħakkes bil-miżuri biex ma jispiċċax bħal Viċi-Re ta' Sqallija li kellu jaħrab lejn Messina wara protesti min-nies ta' Palermo, u għalkemm il-kaċċa għall-

fniek tħalliet issir lejn Diċembru 1773, f'Jannar 1774 inħareġ bandu mod ieħor li kompla żied it-tensjoni mal-knisja. Dan wara li l-Isqof ħalla xi nies tiegħu u qassisin jikkaċċjaw mingħajr approvazzjoni bl-iskuża li l-fniek kienu qed jagħmlu ħsara lir-raba ta' dawk imqabbla għandu. L-istess inkwiżitur sostna li dan l-inkwiet kienu qed jaqlugħ xi qassisin rashom sħuna bl-appoġġ tal-Isqof. Wara battibekki bejn Pulizija tal-Isqof u Kavallieri jarrestaw nies ta' xulxin, l-istess Isqof spiċċa kellu jaħrab mill-Belt għall-Imdina, fejn saret dimostrazzjoni ta' appoġġ mill-Kleru għalih li rawha bħala disrispett. Il-Granmastru, l-Inkwiżitur u l-Isqof irrapurtaw il-każ Ruma, bil-Papa ċanfar lill-Isqof għall-provokazzjonijiet tiegħu, issospendih u għajatlu Ruma biex jirrispondi għall-għemielu. Iżda l-Isqof kompla jitfa' l-ħatab fin-nar meta fid-19 ta' Frar 1775 (għeluq is-sena mindu twieled Grognet) intona t-*Te Deum* bħala ringrazzjament għat-twelid ta' eredi għar-Re ta' Napli, b'xi ħadd bi provokazzjoni kiteb b'żebgħa ħamra bit-Taljan mas-swar bejn il-Birgu, Bormla u l-Isla: "Viva l-Isqof u r-Re ta' Napli, is-Sultan tagħna." Wara li kien ilu jipposponi t-tluq tiegħu lejn Ruma minn Settembru 1774, l-Isqof fl-aħħar salpa lejn April ta' wara, mas-sena mindu kien ġie r-raħal biex jikkonsagra l-Knisja l-Qadima, u minn dakinhar ma reġa' qatt rifes lura fuq Malta. Mal-4 xhur wara għall-Vitorja tal-1775 kien hemm ir-rewwixta tal-qassisin immexxija minn Dun Gejtan Mannarino li falliet. Ximenes seħel miet ftit wara fid-9 ta' Novembru minn pulmonite meta kien Napli u l-għedewwa li għamel tul is-sentejn fit-tmun wassal biex indifen fil-kripta tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann mingħajr ma ħadd indejna jimmarka l-post jew jagħmillu lapida. Warajh laħaq De Rohan li ġab ftit soljev għall-poplu.[1]

## Dun Salv Saver Bonnici maħtur Kappillan tal-Mosta





Omnibus, et singulis hanc presentem visuris pariter ac lecturis, vel audituris fidem facio Ego [illegible] Rector Sancte Ecclesie [illegible] Divi Philippi [illegible] Terre Zebug in libro Originali baptizatorum predicte Ecclesie inter alias notas extare sequentem; videlicet.

Die 12 Augusti 1725.

Admodum Revdus [illegible] D. Joannes Baptista Gagnani Rector huius [illegible] Divi Philippi sub titulo baptizavit infantem heri natum ex Alonsio Bonnici, et Maria coniugibus, impositumque fuit illi nomen Salvator, Joseph, Xaver, Bartholomeus, Stanislaus. Patrinus fuit Joannes Dominicus Bonnici, Matrina vero Anna Farrugia; pro cuius rei veritate has presentes literas scripsi propriaque manu firmavi [illegible]

[illegible] Zebug die 23 Maij 1771.

Felix [illegible] Rector [illegible]

[illegible]

[illegible]

Bit-talenti w id-difetti kollha tiegħu, il-Kappillan Salv Saver Bonnici (11/8/1725 – 16/1/1794) min jaf x'kien jagħmel aktar għal Mosta li mhux għax Alla għoġbu jsejjaħlu ta' 68 sena, li minnhom għadda 23 sena, ftit anqas minn terz ta' ħajtu, sa ma miet, fit-tmun tar-raħal. Dik il-Konsagrazzjoni tal-Qadima li għoġbu jaghmel donnu kienet hekk fil-pjan t'Alla, li kieku minflok ġebbed miet **97** jum wara fit-23 t'April, kien ikun għamel eżatt terz ta' ħajtu imexxi l-Mosta (mit-30/5/1771), bl-istess numru imma f'termini ta' snin insibuh jissepara l-Konsagrazzjoni ta' din il-Qadima fl-1774 minn dik tar-Rotunda mad-**97** sena wara fl-1871. Fuq il-lemin iċ-ċertifikat tat-twelid / magħmudija tieghu, twieled fil-11, tghammed l-ghada t-12 t'Awissu 1725, wild Żebbuġi.

Lura għall-Isqof Giovanni Carmine Pellerano, dan kien Sqalli u darba ntagħżel bħala Isqof ta' Malta fit-28 ta' Mejju 1770, ġie maħtur aktar tard dik is-sena fil-25 t'Awissu 1770 wara l-mewt ta' qablu l-Isqof Bartolomeo Rull (li tiegħu hemm l-arma mal-faċċata tal-Kappella tal-Isperanza peress li nbniet fi żmienu fl-1760). Fil-Mosta kellna Kappillan in-Naxxari Dun Gugliermu Seichel li meta ħass il-mewt tagħfas fuqu, talab lil Dun Ġwanni Baptista (Ġanpatist) Grech minn Naxxar biex jagħmilllu l-Griżma. Miet f'qasir il-għomor ta' 39 sena fit-22 ta' Jannar 1771 u ndifen l-għada fil-Knisja l-Qadima. Fis-16 ta' Frar l-Isqof ħareġ editt biex fi żmien 10 t'ijiem, min hu nteressat japplika għall-kariga vakanti ta' Kappillan tal-Mosta. Issottometew ruħhom għall-konkors Dun Franġisk Grech, Dun Ġwann Battista Correo, Dun Gejtan Grech, Dun Ġużepp Bonnici, Dun Ġwann Borg, Dun Ġużepp Farrugia, Dun Arkanġlu Farrugia, Dun Franġisku Azzupard, Dun Pietru Decelis, Dun Salv Fenech, Dun Pietru Delicata, Dun Salv Saver Bonnici u Dun Ġużepp Camilleri, tlettax b'kollox, bl-eżaminaturi kienu Dun Ġużepp Vella Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Ġwann Andrea Decaro Kappillan tal-Birgu, il-Pirjol tad-Dumnikani Dun Vincenz Senatra, il-Pirjol tal-Agostinjani Dun Benedit Bonnici, u xi Pirjol ieħor Dun Franġisk Bonnici. Għażlu lil dak li kien il-Konfessur Ordinarju tal-Monasteru tas-Sorijiet ta' Santa Skolastika fil-Birgu,[2] Dun Salv Saver Bonnici li wara li nkiseb l-approvazzjoni wkoll minn Ruma, fit-28 ta' Mejju 1771, għeluq is-sena mindu kien intgħażel l-istess Isqof Pellerano, dan ħareġ digriet u tah il-berettin u ċ-ċurkett. Jumejn wara l-Ħamis 30 ta' Mejju fis-6 ta' fl-għaxija,[3] l-Isqof flimkien mal-Kanonku Kapitulari tal-Katidral ta' l-Imdina, Dun Albinu Portughes, ġew il-Mosta fejn dan il-Kappillan il-ġdid ingħata l-pussess tal-parroċċa. Fiċ-ċerimonja tal-pussess, Dun Salv Saver Bonnici libes il-Kappa Magna, tela jbus l-altar maġġur, ingħata ċ-ċuvetta tat-tabernaklu, tal-fonti tal-magħmudija u tal-bibien tat-twieqi fejn jinżammu ż-żjut imqaddsa, li lkoll fetaħom u reġa għalaqhom, l-istess għamel bil-bieb il-kbir tal-knisja, daqq il-qanpiena, daħal u poġġa fis-sedji tal-qrar, u ġie ntonat it-*Te Deum Laudamus*, dan kollu fil-preżenza tal-Kanonċi tal-Katidral Dun Ġwann Anġlu Grech Balsan u Dun Vitor Gristi bħala xhieda. Tliet t'ijiem wara kellu l-festa ta' Corpus x'jiċċelebra bil-priedka minn fuq il-pulptu li taf għamel u bid-dawra mar-raħal f'purċissjoni bis-Sagrament taf servitu t'opportunita biex jiffamiljarizza ruħu ftit ma' xi toroq u l-akwati tar-raħal, u fuq kollox mal-parruċċani ħerqanin biex jaraw x'ħobż jiekol u biex jieħdu l-ewwel togħma tal-Kurat il-ġdid tagħhom.

Ftit xhur wara lejn Ottubru l-Isqof Pellerano beda Viżta Pastorali fejn beda bil-Katidral, u kompla bir-Rabat, Ħad Dingli, in-Naxxar, il-Għargħur u fl-aħħar niżel il-Mosta fis-27 t'Ottubru 1771[4] fejn fuq 3 t'ijiem żar il-Knisja Parrokjali (il-Qadima) u l-kappelli li kienu jagħmlu mal-Mosta. X'aktarx li parti mill-frott li ħareġ minn din il-Viżta u li taf qajjem l-istess Kappillan Bonnici kienet il-ħtieġa li l-knisja kien hemm bżonn li tiġi kkonsagrata, biex tkun aktar xierqa f'għajnejn Alla, biex bil-preżenza tar-relikwi tal-qaddisin martri tal-Knisja li kellhom ħsieb jitpoġġew fl-altar maġġur, iservu ta' widna oħra għalihom, jkunu bħal l-intermedjari biex it-talb tagħhom aktar jinstema u l-grazzji t'Alla fuqhom ma jonqsux. Dik il-ħabta fil-Mosta apparti l-Kappillan Salv Saver Bonnici għadu frisk fil-kariga, kellna lil qassisin Feliċ Mangion, Ignazju Galea, Girgor Schembri, Karlu Agius, Ġwanni Bonnici, Anġlu Agius, Ġakbu Pullicino, Ignazju Pullicino, Ġużeppi Mangion, Pawlu Farrugia, Ġwanni Maria Pullicino, Ġwanni Maria Attard, Ġużeppi Galea, Karmnu Schembri, Franġisku Pullicino, Ġwanni Pullicino u Ġwanni Magri, u l-Kjeriċi Salvu Azupardi, Franġisku Agius, u Ġużeppi Pullicino, u kien hemm Skolastika Said il-qabla tar-raħal. Sakemm ma mietux jew ingħataw xi kariga oħra, għandi nifhem li fil-biċċa l-kbira minn dan il-Kleru kienu preżenti

meta mas-sentejn u nofs wara saret talba mill-Kappillan Bonnici f'ismu u f'isem il-kleru u l-poplu tal-Mosta biex sa fl-aħħar tiġi kkonsagrata l-Knisja (il-Qadima), wara li naħseb kienu stennew biżżejjed bi rħula viċin kienu ilhom żmien li għamlu dan il-pass (Naxxar: 11/12/1729, Għargħur: 22/4/1736, u Ħ'Attard: 7/5/1730).

## Il-Jum tal-Konsagrazzjoni

L-Isqof Pellerano laqa' t-talba u l-Ħamis 24 ta' Marzu 1774 (il-Ħamis ġimgħa qabel Ħamis ix-Xirka) ħareġ digriet fejn ordna lill-Kappillan Bonnici biex waqt il-quddiesa jgħarraf lill-poplu u lin-nies ta' rħula viċin li fi żmien ġimgħatejn, għall-Ħamis 7 t'April, kienet ser tiġi kkonsagrata l-Knisja, li l-Kleru u n-nies tal-Mosta kellhom jagħmlu ġurnata sajmin il-ġurnata ta' qabel bħalma l-istess kien se jagħmel l-Isqof u n-nies li kienu ġejjin miegħu, li l-Kleru u dawk fis-servizz tal-Knisja tal-Mosta kellhom jirreċtaw l-Uffiċju (qari mill-Brevjar ta' salmi, innijiet, u talb ieħor) bir-rit doppju (ċioe bħas-salmi u hekk mhux jgħidu l-ewwel parti biss imma jgħidulhom sħaħ mill-bidu sal-aħħar, bit-tieni Għasar u bl-antifona fis-siegħat maġġuri) u '*di prima classe'* (naħseb għax riedu jkunu kantati), u kull minn kien se jkun preżenti għaċ-ċerimonja u kien se jitlob għall-eżaltazzjoni tas-*'Santa Madre Chiesa'*, għat-tmiem tal-ħażen, u għall-paċi fost is-Salten Insara, kien se jiggwadanja 100 jum indulġenza. Waslet il-ġurnata u l-Isqof flimkien mal-Kanonku Dun Matthia Gillet u l-Koadutur (wieħed li jassisti lill-Isqof) Dun Ġużepp Azzupardo ġew ibierku u jidilku biż-żjut imqaddsa u jikkonsagraw l-altar maġġur, u l-Isqof stess poġġa fi speċi ta' qabar bħal ħofra żgħira li saret għal tal-apposta fl-altar maġġur, l-għadam tal-qaddisin martri Donato, Placido, Prospero u Deodato[5] li ġurnata qabel kien ivverifika l-awtentiċita tagħhom, ta l-100 jum indulġenza lill-fidili preżenti, u daqstant ieħor wiegħed li jiksbu dawk li fi żmien 40 jum kienu se jerġgħu jżuru l-knisja. Iċ-Ċerimonjir kien Dun Ġuzepp Farrugia u l-Isqof ordna li tifkira ta' din il-konsagrazzjoni tibda ssir kull sena fit-tieni Ħadd tal-Għid, ċioe Ħadd fuq l-għid. Xhieda ta' dan kien hemm il-Kappillan ta' Ħal Balzan Dun Salv Cachia u dak tal-Imqabba Dun Ġakbu Tortella, u ovvjament il-Kleru u l-poplu tal-Mosta fost id-"diversi nies" li attendew għaċ-ċerimonja.[6]

## Lapida b'tifkira tal-Konsagrazzjoni



Il-lapida li llum insibu fil-kuritur ta’ bejn is-sagristijiet li tfakkar il-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima

Bħala tifkira ta’ din il-konsagrazzjoni, kienet saret lapida tal-irħam li jingħad tpoġġiet fuq il-bieb il-kbir tal-Knisja l-Qadima (naħseb min-naħa ta’ ġewwa jew x’imkien mhux fil-għoli fejn l-ittri pjuttost żgħar tagħha setgħu jinqraw faċilment), u li fortunament writniha fir-Rotunda fejn illum wieħed jista jilmaħha f’nofs il-kuritur li jgħaqqad iż-żewġ sagristijiet. Post żgur magħżul bi ħsieb minn xi ħadd li żgur weġgħatu qalbu jara tempju bħal dak li fuqu missirijiethom għal tant u tant snin tant ħarġu minn buthom biex ramawh u żejnuħ, iċċelebraw festi daqskemm bkew fih it-telfa tal-għeżież, kien baqa’ wieqaf fit-terrimot tal-1693, u biex imbagħad f’temp ta’ ġimgħa nħatt u sfuma fix-xejn, biex din il-lapida ntenzjonalment tiġi tmiss min-naħa ta’ wara mal-altar tal-Kor tar-Rotunda fuq ix-xaqliba l-oħra tal-ħajt, li kien l-altar maġġur tal-Knisja l-Qadima, u li kien l-altar li 250 sena ilu ġie kkonsagrat f’din iċ-ċerimonja. Bejn kif tradotta minn E.B. Vella fil-ktieb tiegħu *‘Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha’* u bejn kif irranġajt xi ftit jien (nispera għall-aħjar), mill-Latin għall-Malti suppost tgħid xi ħaġa hekk:

*Lil Alla Wisq Tajjeb u Kbir.*
*T'Alla l-etern l-iżjed għoli, it-Tempju ewlieni*
*Lill-Verġni li welldet 'l Alla, milqugħa kollha kemm hi*
*Qisha l-Eden, Ġenna kollha ħajja t'Adam il-ġdid,*
*Reġina tas-smewwiet, iddaħlet fl-għamar kollu kwiekeb b'kuruna rjali*
*Minn missirijietna (it-Tempju lilha) kien iddedikat mill-bidunett,*
*Li biex l-insara li jgħammru hawn*
*ma jiġrix li jiġu nieqsa minn kull ma jinħtieġ għas-servizzi qaddisa,*
*Minn Fra Dun Martin Rojas fis-sena tal-Mulej, 1575, kien mwaqqaf Parroċċa,*
*Minn Fra Dun Tumas Gargallo fit-13 ta' Settembru 1608*
*Kien mogħti Kurat tiegħu,*
*Bir-rieda tal-Malti l-Isqof Fra Baldassar Cagliares,*
*1619 sena mil-kisba tas-Salvazzjoni,*
*Mil-qiegħ ġie mibni mill-ġdid, irranġat, inawgurat u*
*B'fidi ta' tant Prelati wisq tkabbar u ssebbaħ, ġie mgħoni u mżejjen,*
*L-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Fra Dun Ġwann Pellerano, Isqof ta' Malta,*
*Bit-tħabrik tas-Sinjur Dun Salv Saverju Bonnici, Kurat Rettur tal-istess knisja,*
*bit-talbiet imqanqla ta' ndiema tal-poplu kollu mimli b'tant ferħ,*
*Ġie kkonsagrat bir-riti solenni fis-7 t'April, 1774 mindu welldet il-Verġni,*
*U tifkira tal-konsagrazzjoni tagħha*
*Ordna li tiġi mfakkra kull sena solennament*
*Fit-tieni Ħadd ta' l-Għid.*

Hi skrizzjoni li fuqha biss hemm fejn toħroġ l-akbar artiklu u li ndirettament toħroġ il-karattru forsi nażżarda ngħid pezza-kwistjoni, ta' wieħed struwit li fosthom qalleb u tkixxef fl-arkivji imma donnu uża l-intellet tiegħu biex jikteb mill-ġdid l-istorja kif jidhirlu hu kif joġgħob lilu, bil-moħħ warajha naħseb li ma kien ħadd hlief l-istess Kappillan Salv Saver Bonnici li taf ġo moħħu diġa kien beda jberren kif se jkabbar il-konfini nġusti tal-Mosta (u indirettament l-introjtu tiegħu), bil-kawża li sussegwentament snin wara lejn l-1783 kien fetaħ kontra l-Imdina u n-Naxxar għal dan il-għan, bħal qisu bid-dettalji "ineżatti" li niżżel f'din il-lapida ried bħal jgħaddi messaġġ sottili jkun ta' xewka għal xi wħud (bħal l-istess Kappillan / Arċipriet tan-Naxxar / l-Imdina), jekk mhux ukoll jikkwotaha 'l quddiem f'din il-kawża bħala vanġelu! Nimmaġinah lill-Kappillan Bonnici kull tant żmien jaqra u jerġa jaqra din il-lapida mifqugħ bid-daħk jipprova minn banda jimmaġina min fil-futur jispiċċa jikkwota dak li għaweġ hu, u mill-banda l-oħra jimmaġina kif għad jiġi mpinġi l-karattru kontroversjali tiegħu. Jekk xejn taf ġietu tajba għax dejjem kien joħroġ mill-bieb il-kbir tal-knisja bid-daħqa fuq wiċċu, u bejn gidba 'l hawn u nofs verita 'l hemm, taf ma kienx daqstant kiefer biex itik l-assolazzjoni tmur tqerr għandu xi diċerija.

## Lapida b'erba' dati stil differenti

Fiha nsibu msemmija 4 dati, 1575, 13 ta' Settembru 1608, 1619, u 7 t'April 1774, fl-erba' każi uża format differenti kif jiktibhom, fl-ewwel waħda speċifika s-sena 1575 bħala *'An(no) D(omi)ni'* ċioe l-annu (mill-miġja) tas-Sinjur (tagħna Ġesù Kristu), fit-tieni waħda niżżilha bl-istil li kienu jużaw ir-Rumani għall-Kalendaju u baqgħet anki tintuża wara mill-knisja, ċioe *Idibus Septembris*, b'*Idibus* kien jaħbat il-ġurnata tat-13 għax-xhur il-qosra, fit-tielet waħda 1619 niżżilha bħala *"Reparatae Salutis Anno"* ċioe l-annu mindu ksibna l-fidwa / s-salvazzjoni (bit-twelid tal-Messija), u fir-raba' niżżilha bħala 7 t'April 1774 *'a partu Virginis'*, mindu welldet il-Verġni, ċioe mit-twelid ta' Kristu mill-Madonna. Naħseb l-unika varjazzjoni oħra li kien baqgħalu x'juża u kien jgħaqqad is-sett kienet l-*"[2024] anno incarnationis Dominicae,"* li tiġi *[2024] mis-sena tal-inkarnazzjoni tal-Mulej.*

## L-Isqfijiet imsemmija fil-lapida

Kull data fil-lapida għanda Isqof assoċjat magħha, u punt interessanti ieħor hu kif irrefera għall-erba' Isqfijiet imsemmija, propjament għal kif irrefera għal wieħed minnhom, Cagliares. Lil Martin Royas u Tumas Gargallo sempliċiment kitbilhom 'Frater Dominus', bi 'frater' naħseb għax qabel laħqu kienu membri bħal xi Kappillani fl-Ordni ta' San Ġwann. Lil Baldassar Cagliares apparti dawn it-titli jirreferi għalih bħala *'Antistite'* waqt li lil Giovanni Pellerano li laħaq fuq seklu u nofs warajh bħala *'Ep(isco)us',* li t-tnejn ifissru Isqof, l-ewwel waħda mill-Latin, l-oħra mill-Latin ukoll imma t'oriġini Griega u forsi aktar ta' preġju, qisu ried jonfħu ftit b'kelma oħra. Dan Cagliares kien l-uniku Isqof demm Malti fuq perjodu ta' 268 sena li għamilna taħt il-Kavallieri, b'missier Spanjol u omm Maltija, u l-Kappillan Bonnici ma naqasx milli jtih dik ix-xeħta Maltija jsemmih bir-razza u r-radika jirreferi għalih bħala il-'Melivetano', il-Malti. Dan b'kuntrast ma Pellerano li jniżżlu bħala *'Ep(isco)us Melitensis,'* l-Isqof ta' Malta. Ukoll Pellerano għandu quddiemu t-titli ta' Illustrissimu u Reverendissimu, titli li kiseb l-Isqof ta' Malta maż-żmien fost tilwim fuq ċuċati bejnu, il-Granmastru u l-Inkwiżitur, minn għandu jniżżel Eminentissimu, minn il-Wisq Reverendu, minn għandu jċedi lil minn jekk jisħlu jkunu għaddejjin jiltaqgħu bil-karozzella minn tali triq, eċċ.

## Xi żbalji ortografiċi

Fil-lapida hemm ukoll xi żbalji fl-ortografija, għalkemm f'xi każi taf kien il-mod kif evolva maż-żmien l-Latin li jinkiteb mill-knisja *(Ecclesiastical Latin)*. Fosthom insibu "Melivetano" flok "Melevitano", "quam ni" flok "quam ne", u l-akbar biċċa taħbil il-moħħ għax tort tal-iżball ma stajtx naqbad art, "corrusc[/t]antibus" flok "coruscantibus" apparti li f'din ta' l-aħħar hemm it-tieni "c" miktuba qisa "c" u "t" fuq xulxin ma tagħrafx jekk hux waħda jew l-oħra, taf xi żball tal-irħamatur li pprova jikkoreġi kif seta' flok reġa' beda kollox mill-bidu. Din il-parti tas-sentenza fejn hemm din il-kelma taf kienet ħawdet anki lil E.B. Vella fejn bil-limitazzjonijiet fi żmienu, kien spiċċa ħalliha kollha barra.

## Xejjaħna 33 sena bħala parroċċa

Dejjem nassumu li l-moħħ wara l-iskrizzjoni tal-lapida kien l-istess Kappillan Bonnici, skont hu sirna parroċċa fl-1575 mill-Isqof Fra Dun Martino Rojas (Isqof bejn l-1572 u l-1577), indirettament għax f'dan l-annu d-Delegat Apostoliku Pietru Dusina kien għamel Viżta Pastorali u fiha rrefera għall-knisja ewlenija tar-raħal bħala 'Parrokkjali.' Il-Kappillan Bonnici tiġi li xejjaħna 33 sena bħala parroċċa mingħajr ma forsi verament konna hekk mill-1575, imma taf ukoll kien qed jikkwota sorsi li għadna ma nafux bihom għax minn diversi rħula oħra li twaqqfu parroċċi snin wara li kelli ċans infittex, Dusina ma rreferix għalihom bħala "Parrokkjali" bħalma għamel lilna u żgur ma kellux f'hiex jitfixkel meta parroċċi kull ma kien hawn kienu xi 10 kollox u xi oħra ta' Portu Salvu li twaqqfet sadattant fil-belt il-ġdida Valletta. Ukoll, ibqa' ċert li wieħed rett u tal-affari tiegħu bħal Dusina ma naħsibx kien se jieħu żball hekk ċuċata grassa ta' dan it-tip li biha seta' ħoloq polemiki u nterpretazzjonoijiet differenti bla bżonn, aktar u aktar meta miegħu kellu jakkumpanjah il-Kappillan tan-Naxxar, ħadd ħlief Dun Ġiljan Borg (kien laħaq fl-1569[7]), li kien qed idawru u juriħ il-postijiet ta' kult fil-parroċċa tiegħu u dawk dipendenti minnu, u li żgur kieku kien jiftaħlu għajnejħ bl-iżball flok taf jiddejjaq jikkoreġiħ u mbagħad jaqa' ta' l-inkompetenti jekk isir jaf Dusina bil-biċċa.

Mill-banda l-oħra, kieku verament konna parroċċa, l-Isqof li laħaq wara, Tumas Gargallo, fil-Viżti Pastorali li hu stess għamel, kien jerġa jirreferi għaliha wkoll bħala 'parrokkjali' iżda minflok insibu li kien

isejħila sempliċiment bħala l-akbar knisja li kien hawn il-Mosta. U dan l-Isqof li sussegwentament ħareġ id-digriet li bih uffiċjalment waqqafna parroċċa fis-16 ta' Settembru 1608, li biex taqgħad jsemmi li kien qed jaqsamha mit-territorju Naxxari, kieku kien jagħmel riferenza li qed iġedded mill-ġdid dak li waqqaf parroċċa l-Isqof ta' qablu, Royas (dejjem skont ma tgħid il-lapida), bħalma hu stess Gargallo niżżel mas-sentejn wara f'digriet ieħor li kellu joħroġ fl-1610 meta verament sirna parroċċa awtonoma mill-matriċi n-Naxxar, fejn reġa ġedded dak li hu stess kien ħareġ fis-1608, u dan peress li ma setgħax jattwaħ f'ta' l-ewwel minħabba oppożizzjoni qawwija mill-Kappillan Naxxari li kien għadu l-istess Dun Ġiljan, biex il-qsim ma jsirx sakemm hu jkun għadu ħaj (indirettament biex ma jitlifx mill-introjtu tiegħu tal-*Primizie*, dħul li kull parruċċan kellu jagħti skont l-istatus tiegħu).

Biex tkompli tikkomplika l-biċċa, il-Għargħurin li Gargallo waqqafhom parroċċa għalihom qabilna fl-1598 kellhom l-istess problema (Dun Ġiljan dakinhar kien ġie bl-iskuża li jkun preċedent biex il-Mostin jagħmlu l-istess[8]). Allura kif la kien hemm din l-oġġezzjoni minn tant snin qabel minn Dun Ġiljan, xorta waħda Gargallo kien ħareġ id-digriet tiegħu 10 snin wara fl-1608 għall-Mosta meta kien jaf li xorta se jiġri l-istess u jkollu jerġa jibla' kliemu? Tgħid il-Mosta verament kellha xi ħaġa "parrokkjali", kienet forsi diġa semi-awtonoma, kellha kobor ta' knisja taf qrib dik parrokkjali tan-Naxxar li waslet biex fixklet anki wieħed bħal Dusina, li Gargallo stenna li kien jagħmilha każ differenti minn tal-Għargħur? Tgħid il-Mostin damu 10 snin wara l-Għargħur sakemm qajmu l-kwistjoni mal-Isqof għax kienu qed jobsru li jiġrilhom l-istess bħal Għargħurin imma meta ma felħux aktar ħadu ċans jiġi kif jiġi? Tgħid l-istess Isqof Gargallo kien qed jilgħab logħba jittestja lil Dun Ġiljan mill-ġdid, jgħid forsi sadanittant kien laħaq xjiħ biżżejjed b'10 snin oħra minn fuqu u taf b'sieq waħda fil-qabar m'għadux jiflaħ jiġġieled mhux se joġġezzjona? It-torturi li dan Dun Ġiljan kien għadda lill-Mostin u wisq aktar lill-Għargħurin donna nisslet għaqda bejniethom biex flimkien ikunu mpikati kontra n-Naxxarin u vice-versa, u li baqgħet tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra sa ma mietet mewta naturali bit-taqlib tal-aħħar gwerra.

Rigward il-fonti tal-Magħmudija bl-istemma tal-Isqof Duminku Cubelles (Isqof ta' qabel Royas, bejn l-1540 u l-1566) bl-annu 1557 mnaqqxa fuqu li jibda jissemma fil-Viżti Pastorali, forsi wieħed jinterpretaha bħala li ridna bilfors inkunu parroċċa addirittura minn dan l-annu jekk mhux minn qabel biex seta' jiġi amministrat dan is-sagrament, iżda naħseb li dan il-fonti seta' kien sempliċiment fonti fuq l-istonku ta' xi knisja parrokjali oħra li kien sarilha ieħor aqwa minflok, bl-antik ġie trasferit jew irregalat jew mixtri għall-Knisja l-Qadima li kienet għada kif tlestiet għera minn kollox, dan għax jibda jissemma' mill-Viżti Pastorali tal-Isqof Juan Balaguer Camarasa fl-1636[9] 'l quddiem. Ridna nkunu l-vera ffortunati biex dan il-fonti hekk antik kien il-Mosta mill-1557, li tiġi sar 8 snin qabel l-assedju, ma ntilifx fl-istess assedju meta tulu ħafna mill-irħula tal-kampanja sfaw abbandunati u sakkeġġati mit-Torok, u addirittura writniħ fir-Rotunda kif hemm minn irid idawwarha (fil-fatt li għandna m'għandu l-ebda annu 1557 mnaqqxa fuqu u wisq anqas l-istemma ta' Cubelles).[10]

## Is-suppost Parroċċa mgħotija Kurat tagħha

Fid-data l-oħra tat-13 ta' Settembru 1608 (flok fis-16, imma s'hawn forsi wieħed ma jissuspetta xejn ta' barra minn hawn, taf xi żball ġenwin, tiġi li xejjaħna b'sempliċi 3 t'ijiem), taf hawn l-Kappillan Bonnici ried iqarraq għax isemmi li f'din id-data, wara li skont kif ried idaħħlilna f'moħħna li konna ilna mill-1575 parroċċa imma bla ragħaj, konna sa fl-aħħar f'din id-data mgħotija Kurat (Kappillan) għalina, li minnha 'n fiha tiġi waħda tgiddeb lill-oħra għax ma tagħmilx sens tkun waqqaft parroċċa fridta minn oħra biex imbagħad tħalliha bla Kap titmexxa u dipendenti mill-Kurat tal-parroċċa li minnha tkun infatmet. Fil-fatt f'din id-data (16-Sep-1608) l-Isqof Tumas Gargallo kien ħareġ id-digriet li bih waqqafna parroċċa imma biss fuq il-karta għax bqajna b'xejn, ferħa bla temma fil-veru sens tal-kelma, bl-istess Dun Ġiljan Borg ma ħasibix darbtejn biex reġa' qajjem l-istess kwistjoni li kien qajjem mal-Għargħur snin qabel, hekk li fil-fatt

għall-ewwel Kurat tal-Mosta kellna nistennew sentejn oħra, ftit xhur wara mejtu, meta sa fl-aħħar ġie appuntat Dun Ġwann Bezzina, u li sakemm konna għadna maqgħudin man-Naxxar kien bħal viċi tiegħu, għalkemm l-istess Dun Ġiljan kien hekk ardit li uffiċjalment qatt ma appuntah f'din il-kariga.

Ukoll il-fatt biss li fl-1608 Dun Ġiljan ipprotesta biex il-Mosta ma ssirx parroċċa, minna 'n fiha tikkonferma li altru ma konnix parroċċa mill-1575. U dan għax kieku kien ikollu jibla' kliemu u ma kien jipprotesta xejn mill-ewwel fuq xi ħaġa li m'għandux jedd fuqha, diġa mwaqqfa parroċċa u lesta (kienu jgħidulu li missu pprotesta qabel). Minflok sar bil-kontra għax rnexxielu tgħaddi tiegħu[11] u mhux ta' l-Isqof irrombla għadda tapit minn fuqu għal darb'oħra. Immaġina lil Dun Ġiljan wara tant arja u kwistjonijiet, jitqalleb fil-qabar kieku kellu jkun jaf li xi ħadd dawwarha li l-Mosta għall 33 sena sħaħ (sal-1608) u sentejn oħra magħhom sa ma miet (sal-1610) ma kinitx baqgħet parti min-Naxxar dipendenti minnu sakemm dam imexxi hu. Lura għal fejn tisemma' l-ġurnata tat-13 flok tas-16 ta' Settembru, ma nafx hux ġejja mill-fatt li l-Kappillan Bonnici kien twieled fil-11 t'Awissu 1725[12] u tgħammed l-għada, 3 ijiem qabel Santa Marija, u daqsant ieħor kien sab postu bħala Kappillan tal-Mosta 3 t'ijiem qabel Corpus, forsi ried jagħti x'jifhem li għalih dak li jkun ġara 3 ijiem qabel hu wisq aktar rilevanti għalih, għax minn wieħed xewka bħalu ma nieħu xejn bi kbir. Iżda jista' jkun ukoll li oriġinat għax ma kienx baqgħalu post biex ideffes l-imsemmija data f'tali sentenza kollha f'linja waħda kieku uża d-data tas-16 bl-istess format minflok (13-Sep tiġi *Id[ibus] Sep[tembris]*, waqt li 16 ta' Settembru tiġi: *a[nte) d[iem] XVI Kal[endas] Oct[obris]* ), għalhemm għalhekk naħseb seta' faċilment kiteb il-partijiet fil-parentiżi mqassra fosthom minn *Octobris* għal *Oct*. biex jiggwadanja l-ispazju, u kien jinftiehem xorta waħda.

## Tinbena knisja 'parrokkjali' ġdida

Fid-data l-oħra ta' l-1619 meta jgħid li l-knisja nbniet mill-ġdid għal dik li nirreferu bħala l-Knisja l-Qadima, s'issa ma sibtx minn fejn seta' ġabha, imma jista' jkun li altru milli din il-knisja kienet lesta f'dan l-annu, forsi minflok kienu għadhom kif lestew parti minnha sal-1618 u allura assuma li fi żmien sena tkun kompluta. Dan għax fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fit-28 ta' Marzu 1618[13] għalkemm ma jagħmel riferenza għall-ebda knisja ġdida jew akbar li qed tinbena jew inbniet, tissemma għall-ewwel darba li "fejn il-knisja parrokkjali" (dik li sejjaħ hekk Dusina u sussugwentament verament saret hekk lejn l-1610 b'Kurat tagħha) u fiċ-ċimiterju tagħha, kien hemm knisja oħra bl-altar maġġur tagħha ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju u fil-ġenb tiegħu kien hemm xi altar ieħor iddedikat lil Santu Rokku u San Bastjan, li nissuspetta li taf kienu fil-Kappellun tax-xellug (bl-Ingliż: *transept*) tal-Knisja l-ġdida li taf kienet għadha qed tinbena ta' Tumas Dingli (ara nota 17), taf lesta tingħalaq bil-bibien imma forsi jonqosha mis-saqaf 'l fuq li tiġi msaqqfa bl-arkati kif suppost.

Mas-16-il sena wara sal-Viżta Pastorali tat-3 t'Ottubru 1634 tal-Pro-Inkwiżitur Pietro Francesco Pontremoli[14] mill-knisja parrokkjali l-antika ma kien fadal xejn hekk li għax x'aktarx kienet inħattet, jissemma' li xi obbligi ta' festi li kellu l-altar maġġur u l-altar ta' San Cosma u Damjan li kienu fiha, kienu minflok ġew trasferiti għall-altar maġġur ta' din il-Knisja, li minkejja li l-istess ma jsemmix li kienet għada kif inbniet jew għada qed tinbena, jagħti wieħed x'jifhem dan, u jissemma' li barra l-imsemmi altar maġġur kellha 2 altari oħra ddedikati lill-imsemmija Madonna tar-Rużarju fil-Kappellun tax-xellug (li żammet postha imma minn altar maġġur issa li nassumi kien sar dak propja fuq il-presbiterju, ġie relegat għal sempliċi altar) u din id-darba jidher li ta' Santu Rokku u San Bastjan kien fil-Kappellun tal-lemin.

Mas-sentejn wara fil-Viżta Pastorali tat-8 ta' Diċembru 1636 tal-Isqof Miguel Juan Balaguer Camarasa[15] jerġgħu jissemmew dawn it-tliet altari imma jsemmi wkoll dettal interessanti, li n-navi kienet għadha kif inbniet, imsaqqfa *"ad modum lamiae"* (naħseb qed jirreferi li kienet skulturata bi kwadretti taf bħal tan-Naxxar), maqsuma f'10 sezzjonijiet, u li jekk fhimt sewwa l-koppla fost affarijiet oħra kienet għadha ma

saritx. Meta 8 snin wara fis-16 ta' Diċembru 1644 l-istess Isqof Camarasa reġa żar il-knisja f'Viżta Pastorali oħra,[16] jerġa' jirreferi għall-knisja bħala li għada kif inbniet, bil-koppla issa lesta, u sab apparti l-maġġur, l-altari tar-Rużarju u San Pawl fil-Kappellun tax-xellug, tal-Madonna tal-Grazzja u tal-Madonna fil-ħarba tagħha lejn l-Eġittu (li wara evolva f'ta' San Ġużepp) fil-Kappellun tal-lemin, waqt li l-altar ta' Santu Rokku u San Bastjan issa kien spustjat u relegat għall-altar iżgħar u t'inqas importanza fin-navi, bit-tliet altari l-oħra tan-navi kienu jew mhux lesti jew għadhom ma ddedikawhom lill-ebda qaddis għax ma jissemmewx. Il-Knisja l-Qadima jidher li ħadet ftit taż-żmien mhux ħażin sakemm inbniet kollha meta tqis li ma jidhirx li kienu qadgħu jistennew lil Dun Ġiljan imut biex jibdewha u dan minn ħjiel ta' testment li kienet għamlet fl-1610 ċertu Helena, mara ta' Kostanz (dak li hemm ismu fuq il-qanpiena li writna fir-Rotunda magħrufa bħala 'Tas-Salib'), fejn kienet rabtet lill-eredi tagħha biex jagħtu 6 *oncie* għall-bini tal-knisja l-ġdida.[17] Bħar-Rotunda maż-żewg sekli wara, din il-Qadima kienet sagrifiċċju kbir u enormi, minn poplu fqajjar u żgħir fin-numru, għall-glorja t'Alla, tal-Assunta, u fuq kollox tar-raħal.

## Id-data tal-Konsagrazzjoni tal-Qadima

Id-data l-oħra tas-7 t'April 1774 hi l-unika waħda mingħajr xi forma ta' qerq fiha u timmarka propju l-konsagrazzjoni tal-knisja l-qadima f'din id-data. Il-Kappillan Salv Saver Bonnici minkejja li ma kienx Mosti u minkejja li qablu kien hemm 5 Kurati mill-Mosta li ħadd minnhom ma ħabbel rasu jagħmel dan il-pass, mhux talli kkonsagraha forsi bl-iskop biex il-knisja, il-parroċċa tiegħu ma tkun xejn anqas mill-oħrajn, imma baqa' għaddej xorta waħda bl-għan tiegħu anki meta f'Malta kien hawn dak il-ġenn u għaks kbir. Jekk xejn joħroġ il-karattru sod, ħabrieki (kif iddeskriva lilu nnifsu fil-lapida), u taf ir-ras iebsa li kellu li jekk ifettillu għal xi ħaġa, jara x'jagħmel biex jattwaha anki jekk it-triq tkun kollha tlajja' u bil-kif, għax ibqa' ċert li kieku kien ħaddieħor floku mhux talli kien jipposponiha f'dawk iż-żminijiet, imma naħseb kien jerġa jibdilu jaqbad ma jagħmel qatt xejn mill-ewwel bħalma jgħid għamlu ta' qablu. Mill-banda l-oħra hi tista' tgħid miraklu li ġiet ikkonsagrata għax bl-inkwiet li nqala' ftit biss xhur wara bl-istess Isqof Pellerano ġie magħjat Ruma u bis-sede tal-Isqof spiċċat vakanti, naħseb kienu jispiċċaw ikollhom jipposponu kollox b'ħafna snin jew jitħassar kollox.

Jista' jkun li l-Kappillan Bonnici baqa' għaddej bil-pjan tiegħu għax f'dik is-sena kien jaħbat iċ-ċentinarju mill-viżjonijiet li laħqu l-qofol tagħhom propju fl-1674 li kellha Santa Margerita Marija Alacoque, fosthom għad-devozjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, u propju f'dawk iż-żminijiet kien hemm bżonn l-għajnuna tal-qalb ħanina tad-Divin għall-Maltin li ċ-ċirkostanzi kienu ġabuhom hekk darhom mal-ħajt. Waħda ġġib lill-oħra, x'aktarx li kien ukoll l-istess Kappillan Bonnici l-moħħ wara d-devozzjoni w it-twaqqif tal-fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù fil-Mosta, taf bħala ringrazzjament wara l-perjodu ikraħ ta' żmien Ximenes, bl-affarijiet reġgħu bdew ġejjin lura bil-mod għan-normal. Din il-fratellanza ta' qabel tal-aħħar li twaqqfet fil-Mosta sibta msemmija għall-ewwel darba fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Vincenzo Labini tat-22 ta' Mejju 1783[18] meta l-istess Bonnici kien għadu Kappillan, b'Tumas Chetcuti u xi Eleazanu Chetcuti jissemmew bħala l-Prokuraturi tagħha.



Il-Qalb ta' Ġesù kif pinġieh Pompeo Batoni fl-1767, kif impinġi minn xi dilettant (jew għax forsi għandu bżonn ir-restawr) fi kwadru ovali li llum insibu fuq in-niċċa tal-Vara l-Kbira fis-Sagristija tal-bomba, u Qalb ta' Ġesù ieħor mogħti xeħta oriġinali għall-aħħar propju fuq il-bieba tat-tabernaklu ta' dak li kien l-altar maġġur tal-Qadima.

Fil-bidu kienu l-Ġiżwiti li rawmu devozzjoni lejn Alacoque taf għax propju wieħed minnhom, ċertu Ġiżwita Spanjol Bernardo de Hoyos (1711-1735), ukoll kellu esperjenzi u rivelazzjonijiet dwar il-Qalb ta' Ġesù li ġegħluh ixerred id-devozzjoni w il-qima lejh. Taf allura kienu huma li daħluha f'Malta (jew ukoll Kavallieri Franċiżi l-istess nisel bħal Alacoque), u l-fatt li l-Ordni Ġiżwita kienet ġiet abolita minn Papa Klement XIV fl-1773, sena qabel il-Konsagrazzjoni tal-Qadima, u tkeċċew minn Malta ftit qabel minn Pinto fl-1768, fin-nuqqas tagħhom taf aktar beda jinħass il-vojt li ħallew warajhom u lokk biex wieħed ifittex dwarhom u jkompli hu minflok bit-tradizzjonijiet u d-devozjonijiet li kienu rawmu, aktar u aktar minn wieħed bħal Kappillan Bonnici b'karattru jħobb kultant jimxi kontra l-kurrent jħobb jagħmel li jfettillu.[19] Fl-istess żminijiet, fl-1767, il-pittur Taljan Pompeo Batoni kien pinġa pittura tal-Qalb ta' Ġesù għall-Knisja tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù f'Ruma, il-knisja prinċipali tal-Ordni tal-Ġiżwiti, bl-istess fundatur tagħhom, Ignazju ta' Loyola lura fl-1551 kien il-moħħ wara l-bini tagħha. Din il-pittura ta' Batoni spiċċat saret waħda mill-immaġini l-aktar komuni ta' kif jiġi raffigurat il-Qalb ta' Ġesù, libes l-aħmar u l-blu, b'idu x-xellugija qed iżomm qalbu bi fjamma u raġġi ħirġin minnha, u bl-id l-oħra l-leminija bil-pjaga tal-musmar bħal qed jistiednek tiġi għandu. Fuq l-istess tema għandna pittura ovali li llum insibuha fis-sagristija tal-bomba fuq in-niċċa tal-Vara l-Kbira, taf l-ewwel biċċa xogħol li daħlet għaliha din il-fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù u wirt ieħor tal-Knisja l-Qadima jekk mhux ukoll frott il-Kappillan Bonnici. Imma ma waqafx hemm għax taf kien hu wkoll il-moħħ wara pittura tal-Qalb ta' Ġesù impittra propju fuq il-bieba tat-tabernaklu tal-istess altar maġġur li kkonsagra, li fost tant patrimonju li tlifna, dan l-altar b'xorti tad-destin għadna nistgħu ngawduħ fil-Kor tar-Rotunda. Naħseb bit-tabernaklu armat mgħotti bil-Kanopew kienet tkun ħaġa kommoventi ghall-Kappillan Bonnici jew mill-kleru 'n ġenerali, darba jiftaħ l-istess Kanopew, titfaċċa l-bieba tat-tabernaklu bil-Qalb ta' Ġesù fuqha mpinġi din id-darba bil-leminija qed iżomm qalbu u bl-oħra bħal irid jurih fejn tinsab il-qalb propja tiegħu lil hinn mill-bieba tat-tabernaklu, li darba jiftaħa, jitfaċċa Kristu nnifsu fil-pissidi mimli bl-ostji biex bihom iqarben lill-popolin.

Lura għal dik Alacoque, jekk nieħdu li l-ewwel viżjoni li kellha ġrat f'Diċembru 1673, it-tieni u t-tielet viżjonijiet ġraw f'Lulju 1674, u l-aħħar viżjoni li kellha ġrat f'Ġunju 1675, qisu temp ta' ċirka 7 u 11-il xahar rispettivament minn xulxin, u issa nieħdu l-ħatra ta' Ximenes li ġrat f'Jannar 1773, il-Konsagrazzjoni li ġrat f'April 1774 u t-tmiem ta' Ximenes f'Novembru 1775, b'temp ta' 15 u 19-il xahar rispettivament minn xulxin, tiġi li bejniethom hemm 8 xhur aktar differenza f'ta' l-aħħar (15-7, 19-11),

bit-tmien xahar jaħbat ix-xahar tal-Assunta, u taf l-istess Kappillan Bonnici darba għadda ħafna mill-inkwiet, aktar raħha bħala providenzjali xi nterċessjoni t'Alacoque, tal-Assunta u tal-Qalb ta' Ġesù, u mbottatura oħra biex aktar irawwem tali devozzjoni. Nistgħu nqisu lill-Kappillan Bonnici bħala wieħed mill-pijunieri biex kellu devozzjoni lejn Alacoque fi zmien meta kien għad hemm ċertu xettiċiżmu lejha hekk li kellhom jgħaddu 50 sena oħra sakemm fl-1824 sa fl-aħħar ir-rivelazzjonijiet tagħha ġew aċċettati mill-knisja u ġiet rikonoxxuta mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti formalment bħala serv t'Alla. Imbagħad kellhom jgħaddu 40 sena oħra sakemm ġiet dikjarata Beata fit-18 ta' Settembru 1864, u addirittura kellu jaqbeż is-seklu sakemm sa fl-aħħar fit-13 ta' Mejju 1920, 3 snin mill-bidu tas-serje ta' dehriet tal-Madonna ta' Fatima, ġiet dikjarata qaddisa. Biex tibda tiġi ċċelebrata l-festa tal-Qalb ta' Ġesù skont ir-rivelazzjonijiet li kellha, kellu jkun Papa Piju IX li fl-1856, mal-166 sena minn mewtha u bil-Qadima ormaj mdallma sew bil-ħitan tar-Rotunda nkaxxati magħha, bil-koppla jonqosha l-aħħar ftit filati, li waqqafa festa biex tibda ssir fil-ġurnata tal-Ġimgħa fuq Corpus (Corpus jiġi 9 ġimgħat mill-Għid, sa dak iż-żmien kienet l-aħħar festa relatata mal-Għid). Wieħed ma jistgħax ma jinnotax il-kuntrast bejn l-ewwel fratellanza li twaqqfet fil-Mosta, dik tas-Sagrament / ta' Corpus, ftit qabel inbniet il-Knisja l-Qadima, ma l-aħħar fratellanza li twaqqfet dik tal-Qalb ta' Ġesù sakemm konna bil-Qadima, propju ftit qabel it-twaqqiegħ tagħha, u nġebbduha naqra oħra, l-aħħar u l-unika fratellanza li twaqqfet darba bir-Rotunda kellha tkun dik tad-Duluri, bħal tibki, mimlija dulur għas-sagrifiċċju kbir li kellha tagħmel il-Knisja l-Qadima (Kristu binha) biex bintha r-Rotunda (il-Knisja ta' Kristu) setgħet tinbena (il-Kelma t'Alla u l-Kristjaneżmu jiffjorixxi mal-erbat irjieħat tad-dinja).

Dik Alacoque kellha wkoll viżjonijiet biex titwaqqaf l-*Hora Santa*, dik is-Siegħa Adorazzjoni quddiem is-Sagrament bħal nhar ta' Ħamis fl-għaxija tifkira tas-siegħa li Kristu għadda fl-Ort tal-Ġetsemani (Mattew 26:40) qabel ġie kkundannat għall-mewt. L-interċessjoni ta' din il-qaddisa taf ma kienx biss dakinhar tal-Konsagrazzjoni għax dakinhar tal-bomba kienu qed jagħmlu, jew suppost kienu ltaqgħu biex jagħmlu, l-istess *Hora Santa*, u taf kienet fattur ieħor fost ħafna li salvaw il-knisja mill-qerda, bil-konnessjoni bejn din il-Qaddisa, din il-Konsagrazzjoni, il-Madonna, il-Qalb ta' Ġesù, u l-miraklu tal-bomba, tmur aktar minn hekk (imma fuq dan forsi darb'oħra). Nistgħu nsejħu lill-Kappillan Bonnici wkoll bħala l-veru viżjonarju biex minn tant kmieni ra u emmen ("ħenjin dawk li ma rawx u emmnu") b'mod hekk konvinċenti f'din il-kbira qaddisa li Kristu għażel bħala s-serv mill-aktar umli tiegħu biex twassal ir-rivelazzjonijiet tiegħu, u bil-Mosta bħal donnu minn dejjem kienet il-magħżula u fil-mira t'Alla biex fiha jwettaq wieħed mill-akbar mirakli tal-Kristjaneżmu (mhux ta' b'xejn li d-dimonju ra kif deffes denbu, b'kull nitfa' ħamrija, natura u patrimonju fil-Mosta dejjem jaraw kif jeqirduha).

## L-Assunta mhux 'assumptae'

Fil-lapida l-Kappillan Bonnici ma jonqosx milli jdaħħal ukoll naqra patrijottiżmu Mosti. L-ewwel knisja parrokkjali li kellna jirreferi għaliha bħala l-*'Alma Domus'*, it-tempju ewlieni, bħala l-kbira, l-omm tal-knejjes / kappelli l-oħra li kien hawn fir-raħal, u bħala dik li l-Mostin mill-bidunett iddedikaw lill-Assunta. Jsemmi kif il-Mostin bis-saħħa ta' tant Prelati (Kurati / Kappillani) bnew din l-*Alma Domus* mill-ġdid għal dik li llum nirreferu għaliha bħala l-Knisja l-Qadima, akbar, isbaħ u tant għanewha u żejnuha, u li taf frott is-sbuħija tal-barokk u l-iskultura li kellha minn ġewwa sa ħallew impressjoni anki fuq l-istess Kappillan Bonnici minkejja li kien ġej mill-krema tal-Barokk tal-Kottonera u l-inħawi tal-Port. Daqstant ieħor lill-Assunta l-patruna tar-raħal jiddeskriviha bħala "milqugħa qisha l-Eden, ġenna kollha ħajja t'Adam il-ġdid." Din hi silta mill-Brevjar[20] l-antik qabel ġie f'xi każi mqassar fil-Konċilju Vatikan II (1962-5), li kienet tingħad fil-festa tal-Assunta u hi meħuda mill-omelija fuq l-Assunta li kien għamel ċertu San Ġwann ta' Damaxxena *(St. John of Damascus),* qassis Għarbi nisrani li għex lejn is-seklu 8 fiż-żmien meta Damasku waqgħet taħt l-Għarab, u hu meqjus bħala Duttur tal-Knisja fosthom b'kitbiet fuq l-Assunzjoni tal-

Madonna u wkoll kunsidrat wieħed mill-ewwel kritiċi tal-Islam fejn sostna li reliġjon li fosthom taċċetta l-poligamija (żwieġ ma aktar minn mara waħda) ma setgħet qatt kienet ispirata minn Alla.[21]

Il-frażi l-oħra "Sultana tas-Smewwiet" (bl-Ingliż: *Queen of Heaven*) fejn fosthom 180 sena wara (mill-1774) Papa Piju XII fl-1954 kien ħareġ enċiklika b'dan it-t-titlu, ġejja mit-tradizzjoni antika tal-knisja li darba ntemmet ħajjet il-Madonna fuq din l-art, ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-ġenna *(coelorum)*, fis-smewwiet (bil-Malti l-istess kelma *coelorum* litteralment tiġi l-plural ta' sema), fejn ġiet milqugħa (bl-Ingliż: *honored*) ta' Reġina / Sultana. Jkompli jinfoħha bħala li daħlet fl-għamar kollu kwiekeb bil-kuruna rjali u fuq nota Mostija bħal kien profetiku bl-Assunta fit-titular tagħna ngħatat l-approvazzjoni minn Ruma biex tiġi nkurunata propju mitejn sena wara fl-1974, u li kien jiġri hekk li mhux għax l-Arċisqof Mikiel Gonzi ssuggerixxa li minflok issir fis-sena ta' wara fl-1975 biex taħbat f'għeluq il-25 sena mid-Domma tal-Assunzjoni tal-1950. Il-kelma li uża *"thalamum"* bil-Latin ġejja mill-Grieg sibta tfisser bħal kamra tal-irqad jew kamra ta' ġewwa *(inner chamber),* taf tiġi għamar, tifforma parti mill-iskrizzjoni li Grognet għażel għal fuq it-tanbur: *Maria virgo assumpta est ad aethereum* ***thalamum****, in quo Rex regum stellato sedet solio* (Marija Verġni ġiet imtellgħa fl-għoli tas-smewwiet *[thalamum]*, fejn is-Sultan tas-slaten qiegħed fuq it-tron tiegħu, imdawwar bil-kwiekeb), silta oħra mill-Brevjar fil-ġurnata tal-Assunta li tingħad waqt l-Għasar / Vespri (talb ma nżul ix-xemx), u donnu l-Kappillan Bonnici ra kif irranġaha, jieħu kelma minn hawn u oħra minn hemm. Ironikament fil-lapida ħalla barra l-kelma *"assumptae"* (mtellgħa [s-sema] ) imma xorta bl-aġġettivi sbieħ li penġiha bihom ma naqsilha xejn mill-mertu tagħha.

## Xogħol li sar relatat mal-Konsagrazzjoni




Slaleb u lapidi tal-Konsagrazzjoni (tal-Għargħur: fuq u xellug, tan-Naxxar: isfel u lemin) mill-aktar sempliċi komparati ma' tal-Mosta bis-slaleb bl-interzjar fihom u lapida bi skrizzjoni twila maqsuma f'24 linja kompluta bl-arma tal-Isqof bl-interzjar ukoll.

Kienet in-norma li jsiru 12-il salib li jirrappreżentaw it-12-il appostlu biex waqt il-Konsagrazzjoni tal-Knisja jindilku biż-żjut imqaddsa. Is-slaleb tal-Konsagrazzjoni li nsibu per eżempju fil-knejjes tal-Għargħur u n-Naxxar huma mill-aktar sempliċi jikkonsistu minn salib kannella fuq sfond iswed / abjad b'burdura għat-tond. Tal-Mosta s-salib hu wkoll kulur rħam kannella (*rosso alicante* minn Spanja)*[22]* imma fit-truf u fin-nofs tiegħu hemm tikek żgħar bojod interzjati, ħamsa b'kollox taf jirrappreżentaw il-ħames pjagi ta' Kristu (4 tal-imsiemer f'kull id u sieq, u dik fuq ġenbu mid-daqqa ta' lanza mis-suldat Ruman biex jikkonferma li verament miet). Is-salib hu fuq sfond rħam isfar (*giallo siena* mill-muntanji tas-Toskana, l-Italja) fejn mad-dawra hemm interzjati xitla naħseb tal-palm fuq naħa u tal-ġilju tal-Madonna *(lilium candidum)* n-naħa l-oħra bi 3 fjuri bojod.[23] Dawn iż-żewġ pjanti huma maqgħudin mit-truf tagħhom taħt bi speċi ta'

ċurkett. Mad-dawra ta’ dan l-isfond isfar insibu burdura lewn kannella fl-aħmar (*rosso verona* minn Verona, naħa ta’ fuq ta’ l-Italja) bi 12-il stilla bajda *(thassos marble* mill-gżira ta’ Thassos, il-Greċja*)* mqabbża ‘l barra b’riferenza għall-Madonna skont ma jgħid il-ktieb ta’ l-Apokalissi Kap 12:1 (U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b’kuruna ta’ tnax-il kewkba fuq rasha). Mad-dawra tal-istilel imbagħad insibu burdura rħam lewn il-vjola fl-abjad (*arabesco vagli* mill-muntanji tas-Toskana, l-Italja). Dawn it-12 il-salib tal-konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima ntirtu fir-Rotunda fejn tpoġġew tnejn tnejn mal-ħitan li jifirdu l-kappelluni, ftit ‘l fuq mill-inkwatri tal-Via Sagra, u biex ma jintilifx is-sinifikat tagħhom baqgħu 12 minkejja li hemm post għall-4 oħra, 2 fuq kull naħa maż-żewġ ħitan li jmissu mal-kappellun tal-orgni, li tħallew vojta.



Apparti 12-il salib tal-Konsagrazzjoni, insibu ieħor simili fuq l-altar maġġur tal-Knisja l-Qadima bi skultura sabiħa madwaru. Fin-nofs wieħed mill-irħam bis-slaleb tal-Konsagrazzjoni, bil-pjanta magħrufa bħala l-Ġilju tal-Madonna fuq il-lemin li nsibuha nterzjata fih.

Inzerta li fuq l-altar maġġur li kellha l-Qadima wkoll insibu salib tal-konsagrazzjoni tal-istess għamla bl-unika differenza li għandu wkoll bħal 4 ponot żgħar bojod ħerġin min-nofsu. Taf jew kien minn dejjem hemm u sempliċiment il-Kappillan Bonnici għamel kopji tiegħu, jew kien xi xogħol ieħor li sar b’rabta ma din il-konsagrazzjoni. Jekk nieħdu li fosthom l-altari li llum insibu fil-Kappelluni tar-Rużarju u tas-Salib taf ‘n parti huma wirt ukoll minn tal-Qadima fejn fihom insibu l-parti ċentrali b’interzjar sabiħ fihom, naħseb li propju l-altar maġġur impossibli li kien nieqes minn daqstant ieħor fil-pompa, u xi ħaġa jew oħra żgur li kellu wkoll fil-parti ċentrali. Jista’ jkun li l-Kappillan Bonnici kif kien fis-saħna għamillu r-rinovar u ż-żidiet li hemm bżonn u adattah bit-tali salib aktar xieraq. Li hu żgur hu li hu biċċa xogħol mill-ifjen, li jpaxxi l-għajn, u mingħajr stonaturi, b’madwar is-salib insibu erġa aktar skultura sabiħa bi rħam fl-isfar *(giallo siena)* u rħam abjad *(thassos marble)* fosthom żewġ bukketti żgħar fjuri bojod fuq kull ġenb. Kien irħamatur prim min għamel dan l-altar maġġur tal-Qadima u daqstant ieħor min żarmah biċċa biċċa (taf mill-familja ta’ Karlu Darmanin [1825-1909], b’missieru Ġużeppi f’dak iż-żmien kien jispeċjalizza fl-irħam) u ramah perfettament bit-tant dettal li fih mill-ġdid fil-Kor tar-Rotunda fejn fuqu tqaddset l-ewwel quddiesa darba bir-Rotunda, minn Dun Mikelanġ Mifsud. Dan il-fatt jikxef id-dilemma li kienu spiċċaw fiha l-Mostin bil-Qadima għadha tintuża imma bla maġġur minn xhur qabel twaqqgħet biex sadattant laħqu żarmawh u salvawh, u fl-istess nifs bix-xogħol fuq il-maġġur tar-Rotunda mibdi imma taf ma setgħax ikun komplut għal kollox bit-taraġ tiegħu u wisq anqas bit-taraġ li jtellgħek għal-presbiterju sakemm il-Qadima kienet għadha wieqfa, bil-ħajt ta’ wara tagħha kien jiġi bejn dawn iż-żewġ serje ta’ turġien (qisu fejn illum hemm l-altar mejda).

L-istess lapida tal-konsagrazzjoni ma fiha xejn nieqes mill-mertu tagħha bi rħam abjad (*bianco carrara* minn Carrara, komun fit-Toskana, l-Italja) għal fejn kellha tiġi l-iskrizzjoni, burdura rħam fl-ahmar *(rosso verona)* u tagħlaq kollox burdura vjola fl-abjad *(arabesco vagli)*. L-ewwel biċċa xogħol hi bla dubju dik ta' minn ħareġ bl-iskrizzjoni biex qassamha f'linji li kemm jista' kull linja jew tnejn tkun tikkonċerna tali dettall jew suġġett. Kull linja kemm jista' jkun ried ikollha tant ittri biex tkun konformi mal-medja tal-linji l-oħra, u sa fejn possibli għal dan jadattaw billi xi kliem jinkitbu mqassra, jew jiżdiedu ngħidu aħna aġġettivi biex jimlew il-linja (bħal meta jiġi biex jiddeskrivi lill-Assunta jew l-istess Knisja / Tempju: ġie mibni mill-ġdid, irranġat, inawgurat u ... wisq tkabbar u ssebbaħ, ġie mgħoni u mżejjen). L-iskrizzjoni la riedet tiġi b'wisq linji (tawwalija) u lanqas wisa' żżejjed biex ma tiġix sproporzjonata, l-aħjar ma jaqbżux ratio ta' 1:2 jew 2:1 jew jagħmluhom l-istess tul u wisa kif għoddu hu l-każ tagħna bl-arma tal-Isqof li ddaħħlet fil-parti ta' fuq tagħmel tajjeb għal dan. Iġġebbed minn hawn u minn hemm ried jieħu ħsieb li toqgħod fil-post allokat għaliha, b'aktar ma jagħmilha fil-għoli aktar ried ikabbar id-daqs tal-ittri biex tiġi tinqara, u ndirettament ħtieġa għal aktar spazju. Il-biċċa uġiegħ akbar ta' ras l-oħra li kien imiss kienet għall-iskultur li darba jħożż il-linji, ried kull linja jiċċentraha u jħożż l-ittri waħda waħda. L-iskrizzjoni tikkonsisti f'24 linja, fuq 130 kelma, b'mat-860 ittra, bl-aktar ittri komuni jkunu l-'i' b'104, 'a' b'100 u 'e' b'79 waħda u b'lanqas komuni jkunu 'f' bi 8, 'h' b'7, 'q' b'6 u 'j' bi 4 ('j' mhux propja fl-alfabett Latin, ġieli żewġ 'ii' jinkitbu minflok 'ij'). Uħud mill-kliem huma mqassra, indikati jew b'*full-stop* jew b'linja irqiqa fuq it-tali kelma fejn għandha dik il-parti mqassra. Linja minnhom fit-tarf tagħha l-kelma 'annuente' l-aħħar ittra tagħha 'e' ma qgħaditlux u poġġiha minflok fil-linja ta' fuq, tinftiehem sew għax tidher maqtugħa mill-kumplament tal-ittri f'dik it-tali linja fejn deffisha. Dik li jonqox l-ittri hi normalment meqjusa ħaġa monotona u bla preġju mill-iskulturi, b'ħafna ripetizzjoni daqqiet żgħar bil-mazza fuq skripell b'ponot irqaq azzarjati, ħafna logħob u lokk għal żbalji ma' l-iċken nuqqas żgħir ta' attenzjoni. Fil-fatt, apparti fejn semmejna qabel xi żbalji fl-ortografija u ittra minnhom donnha 'c' u 't' fuq xulxin, donnu l-iskultur ħa żbalji oħra w ikkoreġa kif seta, bħal hemm parti mill-kelma *'praesulum'* bejn il-'e' u s-'s' tagħha l-irħama aktar fl-abjad taf interzjata b'irħama oħra biex tikkoreġi l-iżball bl-ittri nkitbu mill-ġdid kif suppost, u l-istess fil-kelma *'exornatam'* bejn l-'r' u l-'m' fil-linja ta' taħta. Darba jkun naqqax il-vojt tal-ittri, kienu jimtlew b'kolla mħallta b'kulur iswed imsejħa california.[24]

B'kuntrast mal-monotonija tat-tinqix ta' l-ittri, l-iskultur kellu fejn jimraħ it-talent tiegħu fl-arma ta' l-Isqof Pellerano mpoġġija fi skudett u l-arma nfisha bl-interzjar bil-qmura u l-bandiera tal-Kavallieri biex ħoloq l-arma tal-Granmastru Pinto li taħtu Pellerano kien laħaq Isqof, u fil-parti ta' taħt l-arma ta' Pellerano nnifsu bi stilla u b'għasfur qed inaqqar naħseb xi qamħa (ma jidhirx li għanda x'taqsam ma' xi tfisser il-kelma *Pelle-rano* bit-Taljan, ċioe ġilda ta' żrinġ). Il-parti tal-iskudett fejn hemm din l-arma tal-Isqof hu mill-istess rħam abjad imma mogħti dehra ftit aktar skura mill-kumplament billi kienu jagħmluha fuq in-nar għal xi ħin biex tiskura (bl-Ingliż: joħolqu *shading*). L-iskudett qed fuq sfond tas-salib tat-tmien ponot tal-Kavallieri, fil-parti ta' fuq hemm il-kappell tal-Isqof, u fil-ġnub sett ġmiemen b'waħda tagħti għal tnejn u dawn għal tlieta, ċioe 6 fuq kull naħa, simbolu tal-grad ta' Isqof fil-ġerarkija tal-Knisja Kattolika. Forsi l-mod kif jintegraw flimkien l-arma tal-Isqof mal-kumplament tal-lapida fejn hemm l-iskrizzjoni setgħu saru aħjar, għalkemm dik qisha diskontinwita mhux tant tagħti fl-għajn. Hi lapida li fiha x-xogħol x'tapprezza kuntrarju għal dik darba ġiet ikkonsagrata r-Rotunda 97 sena wara meta ormaj żmien il-Barokk kien għadda u l-moda saret kollox burduri b'linji dritti u lixxi u suq u mexxi, addirittura b'lapidi bħal dawk ta' l-inkurunazzjoni, tal-portiku u riċenti nkitbu bil-lingwa tal-popolin, bil-Malti, bil-h maqtugħa u tikek 'l hawn u 'l hin, u b'xeba' appostrofi, qisu skultur li flok għamel wiċċ il-Madonna lixx u sabiħ, għamilulha kollu grif u nfafet (naħseb kulħadd jaqrahom għax seħlu għamluhom bil-Malti).

Dan ix-xogħol li sar relatat mal-Konsagrazzjoni joħroġ aspett ieħor tal-karattru tal-Kappillan Bonnici, dik li darba jidħol għal biċċa xogħol jara li joħroġ ta' nies, fejn altru li ma qgħadx jixxaħħah għat-tempju t'Alla,

li kien hemm bżonn isir, għamlu, u ra li jkun ta' stoffa u ta' kwalita wkoll. Minnha 'n fiha tkompli tqajjem aktar mistoqsijiet kif fi żmien ta' tant għaks seta' jidħol biex jagħmel tant kapriċċi. Dan apparti li darba saret iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni, ma naħsibx li ħalla lill-Isqof u li kellu miegħu żaqqhom vojta, u ibqa' ċert li wieħed li kien lest jiffanfra hekk fl-opri tal-arti żgur ma riedx jitlef ġieħu joħroġ tal-mejjet bil-ġuħ magħhom, u konvint li xi festin mill-aqwa kif kienu fl-ottava tal-Għid biex anki jkompli jingħoġob u jiddandan, meta l-ikel kien tant skars, ma naqasx. Toħroġ ukoll karatteristika tal-Mostin ta' dari: dik li aktar ma kienu jkunu magħsurin, aktar ma kien ikollhom ostakli ma' wiċċhom, aktar kienu jidħlulu għall-isfida biex jagħmlu affarijiet ta' l-iskantament, bħal l-istess bini tar-Rotunda mat-tlett kwarti ta' seklu wara f'raħal minn fost l-ifqar u l-iżgħar.

## Meta kellha titfakkar it-tifkira tal-Konsagrazzjoni

L-aħħar 3 linji tal-lapida jirreferu għall-Isqof Pellerano li ordna li tifkira ta' din il-Konsagrazzjoni tibda ssir fit-tieni Ħadd tal-Għid, ċioe Ħadd fuq l-Għid. Ma setgħax minflok jordna li t-tifkira ssir mis-7 t'April l-ewwel Ħadd li jiġi (bħalma hu l-każ meta titfakkar il-konsagrazzjoni tar-Rotunda mill-15 t'Ottubru l-ewwel Ħadd li jiġi) għax jistgħu jiġulek snin meta din id-data tinzerta f'nofs ir-Randan, żmien ta' sawn u astinenza, u ma jkunx lokk li tiċċelebra festi / tifkiriet. Kumbinazzjoni din is-sena l-2024, it-30 ta' Mejju meta fit-tali ġurnata kien laħaq Kappillan dan Bonnici, ħabat ukoll il-Ħamis u wkoll il-Ħamis ta' qabel Corpus (bħal fl-1771), waqt li is-7 t'April ħabat it-tieni Ħadd tal-Għid biex kemm il-250 sena anniversarju mill-Konsagrazzjoni, kif ukoll id-data meta kieku kellu jiġi mfakkar dan l-avveniment, ħabtu fl-istess ġurnata. Din tiġri kull meta l-Għid jaħbat fil-31 ta' Marzu,[25] u li flimkien mal-Għid jaħbat fis-16 t'April, kienu l-aktar dati tal-Għid li rrepetew f'dawn l-aħħar 250 sena bi 13-il darba kull wieħed. Fl-istess perjodu l-Għid ġie 8 darbiet fis-7 t'April, fosthom b'xorti kerha tad-destin (għall-Qadima) fl-1833 meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tar-Rotunda li kellha tieħu post il-Qadima. Fl-1860 is-sena tat-tmiem tal-qadima, is-7 t'April kien Sibt il-Għid, eżatt 7 ġimgħat mindu kienu bdew iħottu l-qadima, eżatt 6 ġimgħat mindu ma kien fadal xejn minnha minn fejn kellu jiġi l-paviment tar-Rotunda 'l fuq. Taf it-tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima saret l-aħħar fl-1859 sakemm damet wieqfa l-Qadima, darba midfuna taf rawha inutli tfakkar il-'magħmudija' tagħha, jew jekk nieħdu li l-altar maġġur tal-Qadima intiret fil-Kor tar-Rotunda taf forsi ġebbdet sa l-1871 meta aktar tard dik is-sena fil-15 t'Ottubru ġiet ikkonsagrata r-Rotunda minflok, bid-destin ried li fl-1871 is-7 t'April ħabat il-Ġimgħa l-Kbira.

## Festi Ħadd fuq l-Għid

Fl-antik il-festa ta' Ħadd fuq l-Għid kienet magħrufa bħala *"Domenica in albis",* il-Ħadd bl-(ilbies) abjad minn drawwa li kien hemm fejn kienet issir il-magħmudija fil-lejl tal-Għid u dawk li jiġu mgħammda kienu jagħmlu ġimgħa sal-Ħadd ta' wara libsin tunika bajda. Fit-30 t'April 2000, Ħadd fuq l-Għid, il-ġurnata meta Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara qaddisa lill-Suor Faustina Kowalska minn pajjiżu l-Polonja, kien waqqaf il-festa tal-"Ħniena Divina" biex tibda ssir appuntu Ħadd fuq l-Għid skond il-viżjonijiet li din is-soru kellha, fejn fid-Djarju tagħha f'linja/punt 742 (kumbinazzjoni magħmula minn numri 74 l-annu ta' din il-Konsagrazzjoni, 42 l-annu tal-bomba) niżlet li l-Mulej kien talabha biex titwaqqaf din il-festa ġimgħa mill-Għid bħala xhieda tal-ħniena kbira u l-imħabba bla tarf li għandu, u li bis-saħħa tal-immaġini tiegħu bir-raġġi ħomor u bojod ħerġin minn qalbu li talabha tpitter, kien se jagħti grazzji kbar lill-erwieħ li juru ndiema u ħniena mal-proxxmu. Il-vanġelu li jinqara Ħadd fuq l-Għid hu dak ta' Ġwanni, Kapitlu 20, versi 19-31, fejn jirrakkonta kif wara li Ġesù qam mill-imwiet kien deher lill-Appostli, b'Tumas li ma kienx magħhom m'emminx tant li qallhom il-famuża frażi: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx." Jkompli jirrakkonta kif Ġesù jerġa jiġi f'nofshom tmint'ijiem wara (Ħadd fuq l-Għid) meta f'dik id-darba b'Tumas preżenti,

Tumas ilissen "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!", b'Ġesù jirrispondih "Emmint għax rajtni! Ħenjin dawk li ma rawx u emmnu." U propju henjin dawk li ma rawx il-ġmiel tal-Knisja l-Qadima u emmnu fil-kapolavur li kienet.

## Konklużjoni

Din it-tifkira ta' 250 sena ilu, kwart ta' millenju, hu perjodu hekk twil daqs kemm il-Mosta ħadet biex twaqqfet parroċċa b'Kurat tagħha lejn l-1610 (bidu tal-Knisja l-Qadima) sat-tlestija tar-Rotunda fl-1860 (tmiem ta' l-istess Qadima u bħal evolvit mod ieħor). Paragun simili imma f'termini ta' jiem, hemm 250 jum mill-festa tal-Kunċizzjoni (bidu tal-Madonna, ikkonċeputa, fuq din l-art), sal-festa tal-Assunta (tmiem tal-Madonna fuq din l-art, tiġi mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem). Bil-konsagrazzjoni li l-Mostin għamlu fi żmien ta' tant għaks u saram 250 sena ilu, taf il-ġurnata sawm li kellhom jagħmlu l-ġurnata ta' qabel ma kienet xejn differenti mill-oħrajn. Taf l-istess lapida bin-nofs veritajiet li fiha, altru milli ntenzjonata biex tqarraq kif forsi wieħed jaħseb mal-ewwel impressjoni, kienet minflok mezz biex bih il-Kappillan Bonnici jgħolli l-moral tal-poplu u jżommu magħqud, biex kollha flimkien jibqgħu jittamaw fl-Assunta u fil-Qalb ħanina tad-Divin u ma jċedux. Jekk xejn dik il-lapida li għad għandna tifkira, hi xhieda ta' kemm l-antenati tagħna kellhom ibatu biex għandna li għandna, ħaddieħor ġie u sab is-sodda mifruxa.

25 sena mill-Konsagrazzjoni fl-1799 kellhom jagħmlu erġa sagrifiċċju akbar fi żminijiet tant koroh u ta' tant taqlib f'dawk is-sentejn taħt il-Franċiżi fejn hu stmat li mietu, fil-biċċa l-kbira bil-ġuħ, bejn 15,000 u 20,000 ruħ, erġa aktar milli mietu fl-Assedju tal-1565 u fit-Tieni Gwerra Dinjija f'daqqa.[26] Dik is-sena s-7 t'April 1799 ġie l-Ħadd fuq il-festa tat-tifkira tal-Konsagrazzjoni, jew ġimgħatejn mill-Għid, bl-istess sena kienet bdiet bil-ħażin bl-iffuċillazjoni fis-17 ta' Jannar ta' xi 43 Malti li nqabdu mill-Franċiżi, b'Dun Mikiel Xerri u fosthom 16-il martri Mosti, bil-Mosta tkun ir-raħal li l-aktar ħallas prezz għoli f'din it-traġedja (aktar minn terz tal-vittmi, 37.2%) minn popolazzjoni ta' Malta bi 3.18% biss li kienu Mostin.

Naqbżu għall-mument fuq il-**150** sena anniversarju, is-sena 19**24**, mitt sena ilu, apparti li kien iżżanżan il-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira u nxtelgħet il-knisja bid-dawl elettriku, darba għaddiet il-festa ta' Santa Marija mal-lejl fis-16 t'Awwissu kmieni fis-2:30 a.m. kien sar ħruq b'danni sostanzjanli stmati mal- £200 mingħajr ma ħadd ma jaf kif fil-kamra tas-sakristan bi nkwatru tal-Madonna tad-Dawl li kien hemm fiha mirakolożament ma ġralu xejn. Din il-kamra tiġi dik li tmiss mix-xellug mal-kamra li tiġi faċċata ta' fejn hemm il-lapida tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima. F'dik Santa Marija tal-1924 kienu ntużaw għall-aħħar darba is-sett ta' 5 kapep li kien għamel l-istess Kappillan Bonnici f'Lyons fi Franza fl-1791, liema kapep illum insibuhom ghall-wiri f'vetrina fis-sagristija tal-bomba, u li għax ormaj kienu qdiemu kienu saru oħrajn flokhom. Għal min jemmen bis-superstizzjonijiet, li forsi r-ruħ tal-Kappillan Bonnici taf għada kultant żmien tiġġerra fuq l-art li kkonsagra u fejn tant ħabrek, l-istess numru 150 imma f'termini ta' jiem, ċioe il-**150** jum tas-sena meta ma tkunx *leap year* jaħbat it-30 ta' Mejju (meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tar-Rotunda fl-1833, il-bidu tat-tmiem tal-Qadima; u meta kien ingħata l-pusses l-istess Kappillan Bonnici fl-1771, li kkonsagraha), bl-annu **24** jaħbat l-annu 42 (l-annu tal-bomba) bin-numri bil-maqlub (ta' wara quddiem), u kien ukoll l-XXIV (24) Kungress Ewkaristiku propju dak li sar f'Malta fl-1913 fil-maġġor parti fil-Mosta.

Il-100 sena anniversarju fl-1874 ma kien hemm daqstant ieħor xejn x'tiċċeleba għax il-Qadima kienet ormaj ilha żmien midfuna fil-biċċa l-kbira terrapien taħt parti mill-paviment u z-zuntier tar-Rotunda, u aktar kienet tifkira tas-sagrifiċċju li kellha tagħmel biex illum nistgħu niftaħru b'Rotunda flokha li għamlet il-Mosta fuq il-mappa tad-dinja, il-Pantheon ta' Grognet, li d-destin ried li jitwieled fl-istess sena tal-Konsagrazzjoni tal-Qadima, propju 47 jum qabel. U kellu jkun is-47 jum tas-sena, ċioe s-16 ta' Frar meta fl-istess ġurnata fl-1860 semmejna li kienet tbierket ir-Rotunda qabel kellhom jibdew iwaqqgħu l-

Qadima. Dan in-numru jaħbat in-numru 74, l-annu tal-Konsagrazzjoni, bil-maqlub, u jekk inkomplu nġebduha, minn 7 u 4 toħroġ id-data tas-7 t'April (7-4-17[74]), xi logħba sottili tad-Divin biex dik id-data li fiha dik l-art fil-Mosta ġiet ikkonsagrata għall-ewwel darba għalih u fejn aktar 'l quddiem kellu l-ħsieb li jagħmel wieħed mill-akbar mirakli tal-Kristjaneżmu, ma tintesa qatt. Naqra logħob bin-numri oħra, nistgħu nieħdu li d-data tax-xahar is-7 t'April tirrapreżenta l-Ġimgħa l-Kbira l-passjoni ta' Kristu, it-tbatijiet li kienu għaddejjin minnhom il-Mostin u l-Maltin 'n ġenerali 250 sena ilu (fl-1774), waqt li d-data tad-9 t'April jumejn mix-xahar wara tirrapreżenta l-Irxoxt, ir-rebħa tal-Mulej fuq il-Mewt, il-miraklu tal-bomba 168 sena wara (mill-1774 sal-1942), bin-numru 168 mhux ħlief n-numru 42, l-annu tal-bomba, għal *erba'* darbiet (168=42x4), bil-ġurnata tas-sena meta hu kkalkulat li fil-fatt seħħet il-Passjoni ta' Kristu tkun *erba'* t'ijiem boghod fit-3 t'April 33AD. Din il-kombinazzjoni meta l-Irxoxt, l-Għid, ġie fid-9 t'April ġrat mill-gwerra 'l hawn biss fl-1944 (eżatt sentejn mill-miraklu tal-bomba, meta ormaj il-gwerra għall-Malta kienet spiċċat hekk li dik is-sena reġgħet bdiet toħroġ fil-Mosta qalb it-tifrik tal-gwerra l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira imma ridotta bl-aħħar 2 vari u l-Monument biss), fl-1950 meta kellna d-Domma tal-Assunzjoni, u aktar riċenti s-sena l-oħra fl-2023 meta l-istess bħal fl-imsemmija annijiet 1944 u l-1950, il-15 t'Ottubru ħabat il-Ħadd biex kemm l-anniversarju u kemm it-tifkira din id-darba tal-Konsagrazzjoni tar-Rotunda, ħabtu fl-istess ġurnata. Għidli hawnx post ieħor fid-dinja fejn id-Divin għoġbu jimmanifesta ruħu b'tant logħob bin-numri u bid-dati fost tant oħrajn daqs fil-Mosta.

---

[1] Ħafna mid-dettalji f'din il-parti minn teżi ta' Peter Fava, *A reign of austerity: economic difficulties during the rule of Grand Master Ximenes (1773-1775)*, aċċessat mill-portal tal-Universita ta' Malta, OAR Library.

[2] CEM, għażla ta' Dun Salv Saver Bonnici bħala Kappillan tal-Mosta, dokumenti mhux numerati, mniżżel li kien Konfessur fil-Monasteru ta' "Santa Skolastika, Bormla," imma dan it-tali kunvent jinsab minflok fil-Birgu waqt li hu dak tas-sorijiet tal-Karmelitani Tereżjani ta' Santa Margerita li jinsab f'Bormla li meta ktibtilhom qaluli li ma kienx Konfessur tagħhom. Niżżultu għalhekk minflok bħala ta' Santa Skolastika, l-Birgu, għalkemm meta kkuntatjajt it-tali kunvent ma jidher li sabu xejn lanqas. Meta fittixtu fil-Viżta Pastorali li kien għamel snin qabel l-Isqof Bartolomeo Rull f'Mejju 1759 (VP 37, Visititatio Rull, Vol. II) sibtu jifforma parti mill-Kleru ta' Bormla (f.81v) u jissemma li kien kiseb l-ittra tal-ħatra tiegħu minn Djaknu għall-qassis fl-20 t'Ottubru 1749 (f.84v) u sussegwentament iċ-ċerimonja tal-Ordinazzjoni tiegħu mill-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan saret xahrejn wara s-Sibt 20 ta' Diċembru (mil-istess dokumenti tal-ħatra tiegħu bħala Kappillan tal-Mosta). F'din il-Viżta Pastorali jissemma li f'dik is-sena kien Dun Leopoldo Mamo li kien il-Konfessur Ordinarju tat-tali kunvent tas-sorijiet f'Bormla (f.78v).

[3] Il-ħin imniżżel bħala *'hora sexta post meridiem'* li għandi nifhem jiġi s-6:00p.m. Fit-30 ta' Mejju x-xemx tinżel fis-7:12p.m. (fi żmienna bil-ħin tas-Sajf bis-siegħa 'l quddiem tiġi tinżel fit-8:12p.m.). Dan ifisser li darba spiċċat il-funzjoni tal-pussess tal-Kappillan Bonnici, kien laħaq dalam sew, bl-Isqof improbabbli li mar lura fid-dlam sakemm ma kienx qed jistrieħ fuq id-dawl tal-qamar li kien kwinta jumejn qabel fit-28 ta' Mejju 1771, sakemm ukoll ma marx minflok lura l-Imdina eqreb flok fil-palazz il-Belt. L-aktar probabbli hi li l-Isqof u li kellu miegħu qattgħu l-lejl fid-dar tal-Kappillan u marru lura mas-sebħ.

[4] VP, Vol XXXVIII, Pellerano, 1771-1777, Part 1, f. 150-163.

[5] Normalment għall-Konsagrazzjoni ta' Knisja l-għadam tal-qaddisin ma jistgħux ikunu żgħar bħal frak imma jrid ikun ta' daqs sostanzjali biex jintgħarfu li huma ta' bnedmin u fuq kollox iridu jkunu ċerti li jappartjenu lil tali qaddisin. Skont ir-regoli tal-Knisja, vallapena ma jintużaw għadam xejn mill-ewwel milli jużaw għadam li jkun falz u ta' sors dubjuż. San Donato u San Placido kienu fost martri oħra li nħatfu minn Messina fi Sqallija mill-pirati u nqatlu fis-sena 539 (https://www.salvemariaregina.info/SalveMariaRegina/SMR-174/Placidus.htm), San Deodatu x'aktarx hu dak San Deodato ta' Antijokja li kien suldat Ruman u nqatel għat-twemmin nisrani tiegħu lejn it-tieni nofs ta' l-ewwel seklu fiż-żmien id-dinastija Flavjana (69-96AD, taħt xi wieħed mill-Imperaturi Rumani Vespasian jew uliedu Titu jew Domitian), u San Prospero kien ukoll suldat Ruman li rrinunzja karriera militari biex sar Kristjan u nqatel fi żmien il-persekuzzjoni ta' l-insara mill-Imperatur Dioklezjanu lejn is-sena 304, bil-fdalijiet tiegħu jinsabu f'Catenanuova, Enna, fi Sqallija. Ta' minn jinnota kif għajr għal forsi San Deodato, l-oħrajn għandhom konnessjoni ma' Sqallija, na nafx hemmx koinċidenza mal-fatt li l-Isqof Pellerano kien hu stess Sqalli. Meta ġiet ikkonsagrata r-Rotunda, ir-relikwi li ntużaw kienu minflok tal-martri San Fabjan, San Bastjan, San Kosma u San Damjan.

[6] Xi dettalji tal-Konsagrazzjoni minn CEM, 1773-74, CXXXIII, 133, Pr: 5380, f.635v-637v. Grazzi ghal Mikea Sammut mill-arkivju tal-Kurja ta' l-ghajnuna.
[7] Paul Catania, *The People of the North 1546 – 1610*, p.41.
[8] Ibid., p. 227
[9] VP 13, Balaguer, 1635-1637 (I), f. 172-177.
[10] Dan l-iżball x'aktarx bdiħ Rev. Edgar Salomone fil-ktieb tiegħu li ħareġ fl-1911: *Musta, its memories and charms,* fejn isemmi dan il-fonti, bi storiċi Mostin li ġew warajh bħal E.B. Vella baqgħu jirrepetuh 'n bona fede bla ma jiċċekjaw il-fatti. L-istess ġara b'xi żbalji fid-dati ta' meta laħqu / spiċċaw ċerti Kappillani kif imniżżla fl-istess ktieb u anki kkwotati ħażin fil-lapida li nsibu fis-sagristija tal-qassisin. L-istess Salomone f'dan il-ktieb jikkwota dati minn din il-lapida tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima li hi mimlija b'nofs veritajiet. Erħilu ħa jidħak il-Kappillan Bonnici!
[11] Paul Catania, *The People of the North 1546 – 1610*, p.41: *"Notwithstanding the fact that the congregation of bishops, in its answer from Rome dated 14 November 1603, had shown its approval for the establishment of the parish of Għargħur, Inquisitor Mgr Verallo decided to suspend the erection of the new parish till Don Juliano's death."*
[12] CEM, għażla ta' Dun Salv Saver Bonnici bħala Kappillan tal-Mosta, dokumenti mhux numerati. Fiċ-ċertifikat tat-twelid li ppreżenta, hemm imniżżel li twieled Ħaż Żebbuġ u mhux ir-Rabat kif niżlu E.B. Vella. Rigward id-data tal-mewt tiegħu qed noqgħod fuq li taw Rev. E. Salomone u E.B.Vella, dik tas-16/1/1794, għax meta kkuntattjajt l-uffiċju parrokjali tal-Mosta biex jikkonfermahili, bqajt bla risposta bħalma ġara ghall-ennezima tal-ennezima darba kull meta tlabtu aċċess  għal xi nformazzjoni jew l-arkivji.
[13] VP, Vol. IX, Cagliares, 1618, f. 165-170.
[14] VP, Vol. XII, Pontremoli, 1634, f.137-141. Pontemoli kien propja Nkwiżitur imma darba d-Djoċesi spiċċat bis-sede tal-Isqof vakanti wara l-mewt tal-Isqof Baldassar Cagliares, kien ha għal xi sena t-tmexxija tad-Djoċesi f'idejh.
[15] VP, Vol. XIII, Balaguer, 1635-1637 (I), f. 172-177.
[16] VP, Vol. XV, Balaguer, 1644-1646, f. 67-71.
[17] Paul Catania, *The People of the North 1546 – 1610*, p.31: *"When Helena Fenech, wife of Magister Costantio, made her will in 1610, she ... also left 6 uncie for the building of the St Mary Ta Ziri church."* Darba din Helena kienet mietet, żewġa Kostanz kien reġa żżewweġ għat-tieni darba. Biċċa taħbil il-moħħ hi kif l-knisja ta' San Bartilmew tal-Għargħur tissemma li kienet inbniet mill-ġdid addirittura qabel l-1598 meta kienu talbu biex jinqatgħu parroċċa: ara ibid., p.30. Dan jagħmilha mpossibli li hi ta' Tumas Dingli (twieled fl-1591) sakemm ma reġgħetx inbniet mill-ġdid f'temp ta' ftit snin fuq pjanta tiegħu (fuq wieħed mill-bibieb tal-ġnub tal-knisja hemm id-data 162-, bl-aħħar numru ma jintgħarafx). Fil-kwistjoni li kien qajjem Dun Ġiljan Borg biex ma jsirux parroċċa kien ħatar lill-perit mill-Belt Andrea Dingli biex ikejjel id-distanza bejn in-Naxxar u l-Għargħur, ara ibid. pp. 193-4. Tgħid kien ippjantaha dan Andrea u kompla fuq il-pjanta tiegħu Tumas (inzerta bl-istess kunjom u forsi qarib tiegħu) u bi żball ġiet magħduda bħala tat-tieni? Tgħid ġara l-istess għal tal-Mosta?
[18] VP, Vol. XL, Labini, 1783-1784, f. 101-109.
[19] Fil-ktieb *Il-Mosta fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann*, Michael A. Sant jikkwota mill-ktieb ta' Frans Ciappara, *Mill-Qigħan tal-Istorja* fejn fih jissemmew żewġ avvenimenti li jixhdu dawl fuq il-karattru kontroversjali ta' dan il-Kappillan Salv Saver Bonnici, pp. 10-11: *"Dun Salv Bonnici tal-Mosta ma ried lil ħadd jindaħallu fit-tmexxija tal-parroċċa; u meta l-Vigarju Ġenerali, Dun Gejtanu Grech, nhar il-Milied ta' l-1779, ordnalu jlaqqa' lill-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju oppona bil-qawwa. Il-knisja kienet tiegħu, saħaq mal-Promutur Fiskali Ġenerali, u ħadd ħliefu ma seta' jikkmandaha. Kien għalħekk li ġie arrestat f'daru, u t-tmexxija tal-parroċċa ngħatat lill-Viċi Dun Feliċ Mangion, sakemm ġie meħlus l-għada."* U f'p. 16: *"Dun Salv Bonnici, tal-Mosta, ukoll kien interessat. Rosa, mart Mikiel Frendo, kienet mara fqira u miżerabbli. Meta kienet qiegħda tmut ma marx jassistiha; anzi lil Dun Ġammari Pullicino ma ħalliehx iqaddsilha u jagħmlilha l-Libera mingħajr id-drittijiet parrokkjali."* Fuq din ta' l-aħħar, taf il-Kappillan Bonnici kien ingidem diversi drabi wħud jagħmluha tal-fqar biex ma jħallsux u wkoll rah preċedent biex ħaddieħor jinqeda bl-istess skuża, apparti li kien ikun ingust u diskriminatorju ma minn dejjem ta' sehmu fqir jew mhux, allura taf irraġunaha vallapena tintilef nagħġa milli jkollu jbati l-ġuħ u joqgħod imċaħħad hu u tispiċċa tbati l-kumplament tal-merħla. Min jaf x'kienu l-konsegwenzi darba ġew għall-funeral tagħha!
[20] Il-Brevjar hu ktieb li minn fuqu jitolbu l-qassisin, l-partijiet u s-sorijiet f'ħinijiet differenti tal-ġurnata.
[21] Sors: https://www.thepathtosainthood.com/post/saint-john-of-damascus, aċċessat fis-27 t'April 2024.
[22] Għajnuna fl-identifikazzjoni tal-irħam li seta' ntuża grazzi għal Owen Farrugia ta' Halmann Vella Ltd.

[23] Għajnuna fl-identifikazzjoni tal-pjanti grazzi għal Stephen Mifsud, il-moħħ wara s-sit https://www.maltawildplants.com/.

[24] Informazzjoni mingħand Jesmond Bartolo li jaħdem bħala rħamatur fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fosthom minn dettalji li kien ta meta ntervistat fis-sensiela *'Teżori taħt in-Navi'*, programm 9, li kienet ntwerit fuq *Net* lejn is-sena 2023.

[25] Il-mistika u beata Ġermaniża Anna Katerina Emmerich, kellha viżjonijiet tal-Passjoni li għadda minnha Kristu bil-film tal-2004 *'The Passion of the Christ'* ta' Mel Gibson kien ispirat in parti fuq il-viżjonijiet tagħha. Skont hi Kristu kien issallab fit-30 ta' Marzu, x'aktarx għax fl-1820 l-Ġimgħa l-Kbira kienet ġiet fil-31 ta' Marzu, u l-istess Emmerich dakinhar waqt li kienet qed tikkontempla l-inżul ta' Kristu mis-salib bħal intilfet minn sensiha u darba ġiet lura f'tagħha kompliet tirrakkonta fosthom id-Dulur t'ommu l-Madonna. Skont kalkoli astronomiċi, hu kkakulat li Kristu ssallab mhux tant bogħod fit-3 t'April 33 A.D. (data skont il-*Julian Calendar* li kien użat f'dawk iż-żminijiet). Emmerich ukoll twieldet fis-sena 1774, is-sena ta' Grognet, is-sena ta' din il-Konsagrazzjoni, imma fit-8 ta' Settembru. Mietet fl-1824 fis-sena t'għeluq il-50 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Qadima, u l-istess sena meta r-rivelazzjonijiet ta' Santa Margerita Alacoque sa fl-aħħar ġew aċċettati mill-Knisja, mas-seklu u nofs mindu kienu seħħew (lejn 1674).

[26] Sarah Carabott, *Watch: Maltese patriot's diary exposes the real cost of the French blockade*, Times of Malta, 11-Sep-2022.